# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024.**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 129/2021ISB**

**Credence Corporate and Advisory Services Limited (C 40192)**

**u**

**Credence Fiduciary Limited (C 43504)**

**vs**

**Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**

**u**

**l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjetajiet **Credence Corporate and Advisory Services Limited et**, li permezz tiegħu, talbu lil din il-Qorti sabiex:

a. *Tiddikjara li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Credence hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni; u/jew*

b. *Tiddikjara li Il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjonijiet, inkluż il-mod kif inħarġu l-Minded Letters, jilledu l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni;*

c. *Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti, u/jew d-dispożizzjonijiet l-oħra li għalihom saret referenza fid-Deċiżjonijiet, u/jew l-Implementing Procedures abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjonijiet, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew*

d. *Tiddikjara li d-Deċiżjonijiet, jew parti minnhom, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;*

e. *Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi li għamlu l-Korp; u/jew*

f. *Tiddikjara nulli u inattendibbli id-Deċiżjonijiet, jew parti minnhom, u tħassarhom kollha jew in parte; u/jew*

g. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew*

h. *Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun.*

U dan wara illi ppremettew:

1. *Permezz ta' ittra datata 13 ta' Novembru 2020 indirizzata lil CCAS, hawn annessa u mmarkata bħala Dok A ("**Id-Deċiżjoni CCAS**"), il-Korp ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jimponi piena, hekk imsejħa amministrattiva, fl-ammont ta' €143,119 ai termini tal-artikolu 13 tal-Att*

*Kontra Money Laundering (Kap. 373) (l-"**Att**") u Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01) (ir-"**Regolamenti**").*

2. *Fl-istess jum, il-Korp kiteb lil CFL fejn ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jimponi piena, hekk imsejħa amministrattiva, fl-ammont ta' €118,365 ai termini tal-artikolu 13 tal-Att u r-Regolament 21 tar-Regolamenti. L-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok B ("**Id-Deċiżjoni CFL**"). Id-Deċiżjoni CCAS u d-Deċiżjoni CFL, f'dan ir-rikors ser jissejħu flimkien bħala "**d-Deċiżjonijiet**".*

3. *Credence ħassuhom aggravati mid-Deċiżjonijiet u għaldaqstant ressqu appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede inferjuri), skont it-termini tal-Att. Dawn huma annessi u mmarkati bħala Dok Ċ u Dok D rispettivament u jagħtu rendikont dettaljat tal-isfond fattwali li wassal għall-appell in kwistjoni. Madanakollu, apparti aggravji bbażati fuq il-liġi ordinarja, Credence għandhom ukoll ilmenti ta' natura kostituzzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-Att, ir-Regolamenti, l-investigazzjoni li ġiet kondotta mill-Korp kif ukoll mad-Deċiżjonijiet u għaldaqstant qed isressqu ukoll dan ir-rikors kostituzzjonali sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dwar l-ilmenti tagħhom.*

4. *Fis-suċċint, u kif ser jiġi spjegat fid-dettal iktar l-isfel, Credence qed iressqu din il-kawża minħabba l-fatt li, skont huma, hemm numru ta' dispożizzjonijiet fl-Att u fir-Regolamenti li minnhom infushom jilledu d-dritt tagħhom ta' smigħ xieraq. Addizzjonalment jirriżulta wkoll li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni kien bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Credence jissottomettu wkoll li l-Att, ir-Regolamenti u l-Implementing Procedures mhumiex ippromulgati abbażi tal-prinċipju nullum crimen nulla poena sine lege u għaldaqstant dan ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom. F'dawn il-proċeduri għalhekk, Credence qed iressqu l-pretenzjonijiet tagħhom li:*

   4.1 *L-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti li huma d-disposizzjonijiet fil-liġi abbażi ta' liema (a) il-Korp hu mogħni bil-poteri biex jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u 'qorti', u (b) jissussisti n-nuqqas ta' rimedju adegwat ta' appell, jilledu d-drittijiet fundamentali*

*tal-bniedem hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("**il-Kostituzzjoni**") u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("**il-Konvenzjoni**").*

*4.2 Il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjonijiet, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni;*

*4.3 L-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures – Part 1 maħruġa mill-Korp ('**l-Implementing Procedures**") abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjonijiet, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-Korp abbuża mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi, aġixxa arbitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li Credence kienu ħatja ta' akkużi kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi.*

***L-applikabilita' tal- Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

*5. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Bl-istess mod l-artikolu Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni jiggrantixxi ukoll dritt ta' smigħ xieraq minn tribunal jew qorti imparzjali u indipendenti.*

*6. Hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali. Għaldaqstant, l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-kap kriminali ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw.*[1]

[1] Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilew li l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikun japplika għal proċeduri relatati ma' reati amministrattivi, bħal per eżempju l-proċeduri in kwistjoni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. Ara, *Bendenoun v France*, Rikors Numru 12547/86 (24 ta' Frar 1994); *Jussila v Finland*, Rikors Numru 73053 (23 ta' Novembru 2006) u *Engel and others v the Netherlands*, Rikorsi Numru 5100/71, 5102/71, 5370/72 (8 ta' Ġunju 1976). Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi Artikolu 6 jkun japplika għal proċeduri amministrattivi jekk l-elementi li ġejjin (komunement magħrufa bħala l-*Engel criteria*) ikunu sodisfatti:

a) Il-liġi li tistipula l-penali tkopri ċ-ċittadini kollha fil-kapaċita' tagħhom ta' *taxpayers;*

7. *Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("**QEDB**"), fil-każ Jussila v Finland*[2] *spjegat fid-dettall id-diversi akkużi kriminali li jistgħu jinġiebu fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi simili għall-proċeduri in kwistjoni u l-applikazzjoni ta' Artikolu 6. F'dan il-każ, il-QEDB iddikjarat is-segwenti:*

"*There are clearly 'criminal charges' of different weight. What is more, the autonomous interpretations adopted by the Convention institutions of the notion of a 'criminal charge' by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Ozturk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campell and Fell v the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Societe Stenuit v France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v France, no 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency."*

8. *F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tal-QEDB żviluppat b'tali mod illi ddikjarat li f'każijiet ta' dawn it-tipi ta' liġi kriminali mhux intranżiġenti (bħall-proċeduri in kwistjoni ta' liġi amministrattiva fil-qasam tal-Money Laundering), penali kriminali jistgħu jiġu mposti minn korp amministrattiv jew non-ġudizzjarju fl-ewwel istanza, iżda l-persuna kontra min il-penali tkun imposta ikollha dritt li titlob stħarriġ ġudizzjarju komplet dwar tali deċiżjonijiet. F'A Menarini Diagnostics S.R.L v Italia, il-QEDB ddeċidiet kif ġej:*

*"59. La conformita' con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorita' amministrativa. Si presuppone pero' che la decisione di un'autorita' amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena... Tra le caratteristiche di un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi e' il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un organo di grado inferiore. Detto giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui e' adito."*

9. *Jirriżulta ċar, li għalkemm, dawn l-akkużi huma ta' natura amministrattiva, xorta waħda jitrattaw kwistjonjiet li għandhom natura ta' akkużi kriminali.*

---

b) Is-*surcharge* ma kinitx intiża bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi;
c) Kienet imposta taħt regola ġenerali b'għanijiet kemm deterrenti u punitivi;
d) Is-*surcharge* kienet sostanzjali.

[2] Ċitata *supra*

*Kif għamlet il-QEDB, f'Engel, wieħed jagħmel distinzjoni bejn il-pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "hard core of criminal law" u pieni li jitnisslu minn "cases not strictly belonging to the traditional category of the criminal law". Għalkemm dawn il-każijiet ma jaqgħux taħt il-kategoriji konvenzjonali li ġeneralment insibu taħt il-liġi kriminali, u "the criminal head guarantees will not necessarily apply with their full stringency",[3] xorta jrid jiġi f'kull każ protett, u jiġi assigurat li, id-dritt ta' smigħ xieraq tagħhom ma jiġix leż u li l-akkużat għandu jkollu rimedju quddiem Qorti li għandha d-dritt tissindika u tikkonsidra kemm il-kwistjonijiet kollha relatati mal-fatti kif ukoll dawk relatati ma' punti ta' liġi, almenu fl-istadju tal-appell.*

10. *Il-Qorti Kostituzzjonali Maltija wkoll ikkonfermat li dawn it-tip ta' proċeduri, huma ta' natura kriminali u għaldaqstant id-dritt ta' smigħ xieraq għandu japplika. F'dan ir-rigward, referenza issir għas-sentenza Angelo Zahra v Kummissarju tat-Taxxi Interni[4] Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali Kompetizzjoni [5] fost oħrajn. Iktar riċentement, fis-sentenza Rosette Thake noe v Kummissjoni Elettorali[6], il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet b'mod differenti mill-ġurisprudenza tal-QEBD u saħħet iktar id-dritt ta' smigħ xieraq protett mill-Kostituzzjoni. Il-Qorti sabet li nonostante l-fatt li l-poteri mogħtija mil-liġi lill-Kummissjoni Elettorali ikopru kemm il-fakulta` li tinvestiga kif ukoll li tieħu deċiżjoni skont l-Att 544, dan kien jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq tal-lanjant għaliex il-Kummissjoni Elettorali mhijiex Qorti imparzjali u indipdendenti kif irid l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Dan, nonostante l-fatt li Thake noe setgħet tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali kemm fuq kwistjonijiet ta' dritt u kemm fuq il-fatti, billi tibda proċeduri legali ġodda quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (liema proċeduri huma wkoll soġġetti għall-appell ieħor quddiem il-Qorti tal-Appell). L-emfasi għalhekk hija fuq il-ħtieġa kategorika illi kwistjonijiet ta' natura kriminali jiġu sindikati u deċiżi biss minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

***Il-Ksur tal- Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjioni***

[3] Ara *Bedenoun v France* sopraċitata
[4] 29 ta' Mejju 2015;
[5] 3 ta' Mejju 2016;
[66] Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2018

11. *Analiżi tal-artikoli u r-regolamenti rilevanti tal-Att u tar-Regolamenti jwassal sabiex, wieħed jikkonkludi li hemm leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

*Il-Kostituzzjoni tal-Korp skont il-liġi: Awtorita' mhux indipendenti u awtonoma*

12. *Il-Korp mhux awtorita' indipendenti u awtonoma. L-artikoli 15 u 16 tal-Att jistabbilixxu l-Korp u jiddefinixxu l-funzjonijiet tiegħu. IL-Korp huwa, fost oħrajn, responsabbli għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled money laundering u finanzjar ta' terroriżmu. Fost ħafna poteri, il-Korp għandu l-poter li jissorvelja ċertu operazzjonijiet u jinvestiga lil persuni suġġetti, jagħti istruzzjonijiet, kif ukoll jimponi pieni amministrattivi. Madanakollu, l-Korp ma jistax jitqies bħala Korp li huwa wieħed indipendenti u imparzjali:*

12.1 L-Artikolu 15(3) tal-Att jipprovdi li:

> Il-Korp għandu jagħmel ftehim ta' qadi li tagħmel l-aġenzija mal-Ministru, liema ftehim għandu jistabbilixxi l-finanzjament tal-aġenzija u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-artikolu 16(1), kull ħidma speċifika li taqa' fl-iskop tal-funzjonijiet tal-Korp li għandhom ikunu indirizzati u miksuba mill-Korp.

Għaldaqstant, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jiddetta l-mod kif jiġi finanzjat il-Korp u jista' ukoll jimponi, ħidmiet oħra speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati u miksuba mill-Korp, lil'hinn mill-artikolu 16 tal-Att. Dan il-ftehim mhuwiex wieħed pubbliku. Addizjonalment, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta ukoll li l-multi amministrattivi maħruġa mill-Korp jiġu miġbura mill-Korp u dawn jintuzaw għall-operat tal-Korp stess[7].

12.2 Il-Korp huwa kostitwit minn Bord ta' Gvernaturi u Direttur[8]. Il-Bord huwa responsabbli għall-politka li għandha tiġi adottata mill-Korp u li għandha tiġi esegwita u mwettqa mid-Direttur[9]. Il-Bord huwa kollu kemm hu appuntat mill-Ministru skont it-termini tal-Artikolu 19(2) u (3) tal-Att, il-membri tal-Bord huma mħallsin mill-Ministru tal-Finanzi u huma appuntati biss għall-perjodu ta' tlett snin.

[7] Ara t-tweġiba mill-Ministru tal-Finanzi għall-mistoqsija parlamentari numru 17786.
[8] Artikolu 18(1) tal-Att
[9] Artikolu 18(2) tal-Att

12.3 Id-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva tiġi meħuda mill-*"Compliance Monitoring Committee"* tal-Korp li l-membri tagħha huma d-direttur tal-Korp, id-deputy director tal-Korp u rappreżentanti mis-sezzjonijiet tas-Supervision and Enforcement u Legal Affairs tal-Korp. Fi kliem ieħor, magħmula minn impjegati tal-Korp stess li għalhekk ma humiex imparzjali u li jiġbdu l-istess ħabel tal-Korp.

13. *Fl-eżerċizzju ta' dawn il-poteri diskrezzjonarji, skont id-dispożizzjonijiet legali li jirregolawh, il-Korp qatt ma jista' jkun imparzjali. Il-Korp huwa awtorita' pubblika li taġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin. Huwa enti li:*
    a. *jifformola r-regolamenti li japplikaw lil persuni suġġetti li jirregola;*
    b. *jikkonduċi hu stess, fid-diskrezzjoni tiegħu l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet fuq persuni suġġetti u jevalwa l-informazzjoni li jiġbor hu stess;;*
    c. *Jaġixxi kemm ta' prosekutur iżda fl-istess ħin ukoll ta' imħallef u sussegwentement jasal għal konklużjonijiet ta' ħtija daqs li kieku kien xi tribunal indipendenti u imparzjali, jew daqs li kieku bħala Korp li jieħu tali deċiżjoni huwa indipendenti minn dak illi fil-fatt jagħmel l-allegazzjoni oriġinali.*

    *Tipprova kemm tipprova, l-Korp żgur ma jistax jitqies bħala indipendenti u imparzjali , ċertament qatt ma jista jiġi kkunsidrat indipendenti minnhu nnifsu, jew imparzjali bil-mod ta' kif jikkonkludi l-ħtija meta jkun huwa li jivvalida l-investigazzjonijiet tiegħu stess. Bl-istess mod, il-proċess investigattiv quddiem il-Korp żgur ma jiżgurax dritt ta' smiegħ xieraq. Nonostante l-fatt li l-Korp bl-ebda mod mhu awtonomu jew imparzjali, u nonostante l-fatt li persuna suġġetta li tiġi affaċċjata bi proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp bl-ebda mod ma jista' jingħata smiegħ xieraq, il-Korp jiġi mogħni poteri kbar u diskrezzjonarji biex jimponi sanzjonijiet u multi kbar u punittivi.*

14. Fil-fatt il-pieni li jiġu mposti mill-Korp huma tali li ma jeċċedux €5,000,000, darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, jew 10% tat-*turnover* tal-persuna li hija suġġetta għall-multa amministrattiva. Ai termini tar-Regolamenti imbagħad, fil-każ ta' persuna suġġetta li tkun qegħda twettaq xi attività rilevanti (bħal ma huma Credence) il-Korp ma

jistgħax jimponi piena amministrattiva li teċċedi miljun euro (€1,000,000) jew, meta l-benefiċċju li jinkiseb minn dik il-kontravvenzjoni jista' jiġi kwantifikat, li tkun iżjed minn darbtejn l-ammont tal-benefiċċju hekk miksub[10]. Dawn il-pieni għandhom jiġu mposti skont il-politika u l-proċedura mfassla mill-Bord minn żmien għal żmien (fatt ieħor li jkompli jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' imparzjalita' u indipendenza)[11]liema politika u proċedura ma tiġix pubblikata u l-Korp anqas ma jġibhom a konjizzjoni ta' persuni suġġetti bħal Credence. Meta jkun qed jikkonsidra x'multi amministrattivi ser jimponi, jirriżulta li għall-Korp dawn il-multi għandhom ikunu multi ta' natura punittiva intiżi biss biex jissanzjonaw persuni suġġetti.

15. Abbażi ta' dan il-fatt biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssegwi d-deċiżjoni l-iktar reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Thake noe v il-Kummissjoni Elettorali*, jirriżulta li hemm akkuża kriminali li qed tiġi determinata minn persuna li la hi Qorti jew tribunal u wisq anqas hija indipendenti u imparzjali, u għaldaqstant dan huwa bi ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

16. Fi kliem ieħor, jekk wieħed għal forza tal-argument irid jagħmel parallel ma reati penali aktar tradizzjonali, dan huwa l-istess daqs li kieku l-pulizija jkollha l-poter li wara investigazzjoni però mingħajr ebda proċess ġudizzjarju tikkundanna lil persuna għal-ħtija.

*L-appell li jingħata skont l-Att lil Credence mhuwiex rimedju adegwat biex jassigura d-dritt ta' smigħ xieraq*

17. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk wieħed jieħu l-interpretazzjoni iktar laxka li taddotta l-QEBD, jew il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-Federation of Estate Agencies li ppreċediet dik ta' Thake, u cioe, li jekk hemm ċertu leżjonijiet ta' dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp dawn jistgħu jiġu ssanati iktar tard fl-istadju tal-appell li jittenta jipprovdi għal dritt ta' smigħ xieraq, jiġi umilment sottomess li d-dritt tal-appell mogħti lil Credence skont l-Att mhuwiex*

[10] Regolament 21 (b)(1) tar-Regolamenti
[11] Artikolu 13 tal-Att

*biżżejjed sabiex jipproteġi, jissalvagwardja u jissodisfa d-dritt ta' smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.*

18. *L-Att jipprovdi li Id-Deċiżjonijiet tal-Korp, kif ukoll l-impożizzjoni ta' multa, ai termini tal-Att jew tar-Regolamenti, tista' tiġi appellata skont l-Artikolu 13A. L-appell jista' jsir kemm fuq il-fatti kif ukoll fuq punt ta' dritt. Analiżi superfiċjali ta' din id-dispożizzjoni jwassal biex wieħed mad-daqqa t'għajn jgħid li għalhekk ma hemm l-ebda leżjoni u li appellant jista' jistaqsi għar-reviżjoni kemm fuq punt ta' dritt kif ukoll fuq konsiderazzjoni ta' fatti. Meta però wieħed jikkonsidra l-mod kif il-liġi tippermetti li jsir dan l-appell, jirriżulta li l-liġi hija mankanti u r-rimedju li tipproponi jirriżulta insuffiċjenti. L-appell jiġi rregolat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap 12 li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-appell ċivili. Il-proċedura tal-appell, però, skont kif regolata mill-liġi mhix tali biex tissanzjona l-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri li saru quddiem il-Korp. L-appell li jista' jsir skont l-Att, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 li jirregolaw il-proċedura tal-appell, ma jirriżultawx fil-possibilita' ta' Qorti li b'mod sħiħ tista' tikkonsidra u tiddetermina l-akkuża kriminali.*

19. *Dan għas-segwenti raġunijiet:*

19.1 *Il-proċedura tal-appell, fil-Kap 12 hija regolata b'mod strett u ma tixbaħx il-proċeduri fil-Prim' Istanza meta wieħed jibda proċeduri legali u jkollu d-dritt iressaq il-provi, jistaqsi għall-produzzjoni ta' dokumenti li m'għandux fil-pussess tiegħu, jagħmel kontroeżamijiet u sottomissjonijiet ulterjuri.*

19.2 *Fl-appell il-proċeduri bil-miktub jingħalqu mal-preżentata tar-rikors tal-appell u r-risposta. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-appell tista' tippermetti, lil waħda mill-partijiet, li tippreżenta skrittura oħra.*[12]

19.3 *Kull dokument rilevanti għall-appell għandu jiġi mehmuż mar-rikors tal-appell.*[13] *Kwalunkwe dokument ieħor li ma ġiex ippreżentat mar-rikors tal-appell jista' jiġi ppreżentat biss f'każijiet limitati u eċċezzjonali li huma mniżżlin fl-Artikolu 150 tal-Kap 12 u dan biss bl-awtorizazzjoni speċifika tal-Qorti.*

---

[12] Article 147 tal-Kap 12
[13] Artikolu 145 tal-Kap 12

*19.4 Bħala regola, fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell, ma jistgħux jinġiebu xhieda. Xhieda huma aċċettati biss f'dawk l-istanzi speċifiċi tal-Artikolu 208 tal-Kap 12.*[14]

*19.5 F'dawn il-proċeduri tal-appell, anke jekk ikun konċess li jitressqu l-provi, tkun l-appellanta (u cioe' l-persuna imputata) li trid tipprova l-innoċenza tagħha u tressaq il-provi hi stress, minflok ma jkollok l-awtorita' pubblika li tipprova hi stess li hemm responsabblita' ta' ksur. B'hekk jinqaleb l-oneru tal-prova li immedjatament ipoġġi lill-appellant fi żvantaġġ insormontabbli.*

*19.6 Il-Qorti tal-appell hija biss Qorti ta' reviżjoni u mhux Qorti li tista' tikkonsidra l-kwistjonijiet kollha li għandha quddiemha mill-bidu nett. Il-Qorti tal-appell, skont il-ġurisprudenza, m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' dak li ħa l-ewwel deċiżjoni fil-prim' istanza, u għandha biss tikkonsidra interpretazzjoni differenti tal-fatti jekk hemm raġunijiet gravi biżżejjed jew jekk il-parti kkonċernata ser tkun ppreġudikata gravement bl-interpretazzjoni tal-fatti.*

*19.7 Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell huma proċeduri qosra – ġeneralment, huma proċeduri fejn isiru biss żewġ seduti jew tlieta. Addizzjonalment, skont l-Artikolu 13A tal-Att, l-appell għandu jinstema' u jiġi deċiż fiż-żmien 6 xhur biss mill-ewwel seduta tal-appell u ma jista' jkun hemm ebda estenzjoni ta' dan it-terminu ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għar-raġunijiet eċċezzjonali ġustifikati.*

*20. Mis-suespost jirriżulta li l-proċess tal-appell konċess lil Credence abbażi tal-Att, mhuwiex wieħed li jipproteġi bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-proċeduri kkontemplati mhumiex tali li jagħtu ebda forma ta' ċertezza jew ta' serħan tal-moħħ li Credence verament ser ikollha ta' smigħ xieraq u adegwat.*

*21. Huwa essenzjali li l-liġi awtomatikament tagħti l-opportunita' lil-Qorti li tagħmel determinazzjoni finali u dan wara li:*

*21.1 tagħmel apprezzament komplet tal-fatti u l-liġi rilevanti;*

[14] a) meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha; jew (b) meta, bil-ġurament jew b'mezzi oħra, jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xiehda ta' dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġib dak ix-xhud fil-qorti tal-ewwel grad; jew (ċ) meta t-talba biex tinġieb ix-xiehda ta' dak ix-xhud tkun saret u ġiet miċħuda quddiem il-qorti tal-ewwel grad, u l-qorti fi grad ta' appell tkun ta' fehma li dik ix-xiehda hija ammissibbli u rilevanti; jew (d) meta l-qorti fi grad ta' appell hija ta' fehma li x-xiehda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa jew utili

*21.2 ikollha aċċess komplet u sħiħ għall-file intern tal-Korp li jkun fih kull dokumentazzjoni, informazzjoni, konsiderazzjonijiet interni li għamel il-Korp fir-rigward tas-soċjeta' akkużata bir-reat amministrattiv;*

*21.3 tisma x-xhieda kollha li għandhom il-partijiet u li tista' tkun rilventi f'dawn il-proċeduri u mhux tkun ristretta għall-provvedimenti tal-Kap 12 f'dan ir-rigward.*

22. *Anki jekk bħala fatt il-Qorti tal-appell, f'kazijiet partikolari, tikkonċedi dan kollu fil-proċess tal-appell, dan ma jista qatt jissana il-pożizzjoni defiċjenti tal-liġi. Hija il-liġi li għandha tipprovdi għal din il-protezzjoni u mhux id-diskrezzjoni tal-Qorti li qegħda tippresjedi xi appell partikolari. Din propju m'għandix u ma tistax tkun mera konċessjoni tal-Imħallef li qiegħed jippresjedi, iżda dritt fondamentali, dritt fil-fatt protett mill-Kostituzzjoni. Iċ-ċertezza tad-dritt u tal-protezzjoni tad-dritt huma essenzjali fl-ambitu ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u m'għandhom qatt jiddependu fuq l-eżerċizzju minn ġudikant ta' diskrezzjoni li tippermettilu l-liġi.*

23. *Bl-istess mod, sabiex ikun hemm il-parita' tal-armi, persuni li għandhom quddiemhom proċeduri ta' investigazzjoni li jistgħu jwasslu għal-deċiżjoni bħal ma huma d-Deċiżjonijiet, Credence għandu jkollhom addizzjonalment:*

*Dritt garantit mill-liġi li jressqu kull prova neċessarja sabiex jiddefendu ruħhom u dan fi żmien raġonevoli, mingħajr ma jiġu stultifikati abbażi ta' proċedura limitata mfassla mill-liġi;Dritt ta' preżunzjoni ta' innoċenza u li l-oneru tal-prova ta' allegat ksur tibqa' dejjem fuq il-Korp u mhux – minflok – Credence huma preżunti ħatja tal-akkużi li nġiebu kontrihom u minflok jridu jressqu prova kontrarja huma għas-sodisfazzjoni tal-Qorti;*

*23.3 Dritt li jkollhom aċċess komplet għad-dokumentazzjoni, informazzjoni u konsiderazzjonijiet kollha rilevanti (inkluż dawk interni tal-Korp) sabiex ikunu verament jistgħu jiddefendu ruħhom u sabiex jifhmu b'mod sħiħ kif ttieħdu d-Deċiżjonijiet fil-konfront tagħhom.*

24. *Credence m'għandhomx iċ-ċertezza li ser ikunu jistgħu jtellgħu kull prova neċessarja quddiem il-Qorti jew li inkella jressqu x-xhieda tagħhom. Din il-fakolta' għandha tkun waħda inerenti u awtomatika fil-proċess sħiħ, dan huwa dritt li għandha tkun il-liġi stess li tiggarantih u m'għandux jiddependi*

*fuq ebda diskrezzjoni ta' ġudikant. Dan huwa aktar il-kaz tenut kont tal-fatt li sa dak iż-żmien kien il-Korp biss li kien jiddetta t-termini tal-investigazzjoni, kien jitlob l-informazzjoni, janalizzaha u jasal għad-Deċiżjoni mingħajr ebda forma ta' sorveljanza jew skrutinju. Lanqas għandhom iċ-ċertezza li l-Korp ser jissottometti d-dokumentazzjoni kollha rilevanti għall-kawża jew li ser ikollhom d-dritt jistaqsu għaliha. Sabiex jipprovaw jagħmlu hekk, Credence ser ikollhom jagħmlu talba speċifika quddiem il-Qorti u dan biss taħt id-dispożizzjonijet tal-Kap 12 li jagħtu l-fakulta' lil parti fl-appell tagħmel din it-talba. Il-Qorti tista' faċilment tiċħad it-talba, jew inkella tista' tilqa' t-talba biss f'dawk il-każijiet limitati li tippermetti l-liġi. Addizzjonalment, il-Qorti tal-Appell ser tkun taħt pressjoni li tiddetermina l-appell, li jista' jkun ta' natura kumplessa, biss fi żmien sitt xhur kif kontemplat fl-Artikolu 13 tal-Att. Dan meta solitament il-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell iddum ferm iktar u meta proċeduri legali quddiem Qorti tal-Prim' Istanza, mogħnija bid-dritt li tisma' kull prova rilevanti u tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet ukoll idumu ferm aktar. Dan kollu jista' jwassal biex ikollu effett fuq il-forma mentis tal-Qorti meta tiġi biex tiddetermina rikjesta għal preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni jew tal-ġbir ta' provi u smigħ ta' xhieda. Għaldaqstant l-istruttura leġislattiva mhux biss ma tipprovdi ebda garanzija ta' smigħ xieraq, talli hija mfassla propju b'mod illi smiegħ xieraq ikun improbabbli, u jista' biss jissuċċiedi jekk il-ġudikant jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u f'ċerti każijiet ikollu jagħmel hekk billi jinterpreta il-Kap.12 b'mod ġeneruż biex jammetti l-ammissibilità ta' ċerti provi u/jew dokumenti f-istadju tal-appell. Fi ftit kliem, Credence m'għandhom assolutament ebda garanzija ta' smigħ xieraq. Għal kuntrarju, Credence mhumiex ser ikunu garantiti li huma jistgħu jressqu l-każ tagħhom quddiem il-Qorti tal-Appell u jiddefendu rwieħhom skont kif tiggarantixxi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.*

*Il-ksur ta' dritt tal-parita' tal-armi*

25. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Credence jissottomettu ukoll li hemm elementi oħra fil-liġi li jwasslu sabiex f'dan il-każ ma hemm l-ebda parita' tal-armi. Nibdew l-ewwel bid-dritt ta' non-inkriminazzjoni li hu leż bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti.*

26. *F'Saunders v United Kingdom, il-QEDB qalet illi:*

*"It considers that the general requirements of fairness contained in Article 6, including the right not to incriminate oneself, apply to criminal proceedings in respect of all types of criminal offences without distinction from the most simple to the most complex. The public interest cannot be invoked to justify the use of answers compulsorily obtained in a non-judicial investigation to incriminate the accused during the trial proceedings."*[15]

27. *Isegwi allura illi r-Regolament 21 tar-Regolamenti kjarament jikser d-drittijiet ta' Credence għal smigħ xieraq kif protetti minn Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. L-impożizzjoni ta' multi ta' din in-natura huma tali illi jistgħu biss iwasslu biex jisfurzaw lil Credence biex jagħtu kull informazzjoni mitluba f'investigazzjoni. Il-multi huma ta' natura punittiva, jistgħu jiġu applikati b'mod wiesgħa ħafna skont id-diskrezzjoni tal-Korp (li huwa l-istess uffiċjal li jinvestiga u wkoll jiddeċiedi jekk hemmx ksur jew le) u barra minn hekk huma eċċessivi u possibilment debilitanti. Dan jitfa' lil kull intrapriża fi żvantaġġ għall-preġudizzju tal-prinċipju tal-equality of arms u d-dritt li wieħed ma jitfax ħtija fuqu. Dawn id-dispożizzjonjiet huma totalment opposti għal dak id-dritt – fis-sens illi l-persuna li qed tiġi investigata mhix mogħtija għażla dwar x'tip ta' informazzjoni tista' tipprovdi liberament lill-awtorita' investiganti jew jekk tabilħaqq, ma tridx tipprovdi affattu tali informazzjoni. Għall-kuntrarju, persuna suġġetta investigata tispiċċa dahra mal-ħajt u minħabba n-natura punitiva tal-liġi, tiġi mġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista' twassalha biex tinkrimina ruħha.*

28. *Inoltre' Credence jissottomettu li hemm in-nuqqas tal-parita' tal-armi anke fir-rigward ta' termini. Il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta fir-rigward tat-termini tiegħu meta jwettaq investigazzjoni, u kemm jista' jdum jinvestiga biex jikkonkludi rapport u jagħti deċiżjoni. Il-Korp jista' jaħdem kif u meta konvenjenti għalih u jieħu ż-żmien kollu neċessarju biex jiddelibera u joħroġ deċiżjoni finali. Min-naħa l-oħra, Credence kienu marbuta bit-termini limitati konċessi lilhom mill-Korp u termini ffissati fid-diskrezzjoni tal-Korp. Jekk ma ssodisfawx dawk it-termini, l-Korp seta' jimponi multa amministrattiva fuqhom. Umbagħad, wara li l-Korp jieħu ż-żmien kollu biex joħroġ id-Deċiżjonijiet, Credence għandhom biss għoxrin jum biex jippreżentaw l-appell tagħhom. F'dan il-każ, l-investigazzjoni li bdiet bejn April u Mejju tat-2019, il-Korp wasslet biss għall-ħruġ tad-Deċiżjonijiet iktar minn sena wara, f'Novembru 2020. Tul il-proċess kollu, il-Korp kien*

[15] Para. 74

*jikkuntattja lil Credence b'mod sporadiku u jitlob ċertu informazzjoni skont meta għalih kien l-iktar konvenjenti. Ħafna drabi, Credence kienu jingħataw biss żmien qasir biex jagħtu l-informazzjoni mitluba minnhom. Jirriżulta li l-Korp kellu kontroll sħiħ tal-proċess investigattiv u dam iktar minn sena biex jasal għad-Deċiżjonijiet. Min-naħa l-oħra, Credence mbagħad għandhom biss għoxrin jum biex jifhmu id-Deċiżjonijiet u jaraw jekk u kif għandhom jappellaw minnhom. Dan kollu mingħajr ma jkollhom aċċess għall-files li jikkonċernawhom u li qegħdin f'idejn il-Korp.*

29. *Għal dawn ir-raġunijiet kollha, Credence jissottomettu li jirriżulta biċ-ċar li d-drittijiet tagħhom kif sanċiti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi.*

***Ksur tal-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni***

30. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Credence jissottomettu umilment illi l-proċess ta' investigazzjoni adottat mill-Korp, jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti minn Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni.*

31. *Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni jipprovdi kif ġej:*

*"(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali -*

*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;"*

32. *Bl-istess mod, L-Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha, bħala minimu, id-dritt li tkun infurmata minnufih, b'lingwa li tifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħha.*

33. *Credence jissottomettu illi l-protezzjoni taħt dawn l-artikoli tapplika anke waqt l-investigazzjoni tal-Korp li jwasslu għall-ħruġ tal-ittri datati 14 ta' Frar 2020 hawn annessi u mmarkati bħala Dok Ċ u D u sussegwentement id-Deċiżjonijiet. Il-QEDB kellha diversi opportunitajiet biex tespandi fuq meta persuna tkun ikkunsidrata bħala "akkużat" u meta, għaldaqstant id-drittijiet ta' L-Artikolu 6 jidħlu fis-seħħ. F'Deweer v Belgium[16] il-QEDB qalet illi l-*

[16] Rikors Numru 6903/75 deċiża fis-27 ta' Frar 1980

*importanza tad-dritt għal smigħ xieraq f'soċjeta' demokratika wasslet lill-Qorti biex tippreferi konċett sostantiv minflok formali tal-akkuża kontemplata f'Artikolu 6.*[17] *Il-Qorti tat definizzjoni wiesgħa lit-terminu "akkuża". F'Foti and others v Italy*[18]*, il-QEDB qalet illi:*

*"this may have occurred on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example, the above-mentioned Deweer judgement, Series A no. 35, p. 22, § 42), such as the date of the arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened (see the Wemhoff judgement of 27 June 1968, Series A no. 7, pp. 25-27, § 19, the Neumeister judgement of the same date, Series A no. 8, p. 41, § 18, and the above-mentioned Ringeisen judgment, Series A no. 13, p. 45, § 110). Whilst "charge", for the purposes of Article 6 § 1 (art. 6-1), may in general be defined as "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence", it may in some instanes take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect (see, inter alia, the Eckle judgement of 15 July 1982, Series A no. 51, p. 33, § 73)"*[19]

34. *F'Ommer v Germany*[20] *il-Qorti kkunsidrat li l-esponent kien "akkużat" fil-ġurnata meta rċieva ittra mill-pulizija titolbu biex imur fil-kwartieri ġenerali biex jiġi nterrogat b'konnessjoni mat-twettiq ta' allegat reat.*

35. *Għaldaqstant, a bażi tal-ġurisprudenza imsemmija hawn fuq, id-drittijiet garantiti minn Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw mill-mument li Credence ġew mitluba jagħtu l-informazzjoni minħabba potenzjali ksur tal-Att.*

36. *Qabel mal-Korp ħareġ id-Deċiżjonijiet, hu ħareġ l-ittri annessi u mmarkati bħala Dok E u Dok F fejn jinfurmaw lil Credence dwar il-fatt li huma kienu qed jikkonsidraw jimponu multa għal-ksur tar-Regolamenti u tal-Implementing Procedures (il-"Minded Letters") u fejn infurmaw il-Credence li mill-investigazzjoni li għamlu sabu li kien hemm ċertu nuqqasijiet u kienu qed jikkontemplaw isibu ksur tal-liġijiet applikabbli. Il-Korp, imbagħad stieden lil Credence jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. Madanakollu, il-Korp ma nfurmax lil Credence dwar l-ammont ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u*

[17] Ibid. Para 44
[18] Rikors Numru 7604/76 deċiża fl-10 ta' Diċembru 1982
[19] Ibid para 52
[20] Rikors Numru 26073/03 deċiża fit-13 ta' Novembru 2008, para 54

*għaldaqstant Credence ma kienux konsapevoli tan-natura tal-gravita' tal-akkuża fil-konfront tagħhom.*

37. *Jirriżulta għalhekk li l-Korp ma nfurmax sew lil Credence dwar in-natura tal-akkuża u l-gravita' o meno tal-akkuża li kienet qed tinġieb kontrihom jew x'tip ta' ksur u multi setgħu jiġu imposti fuqhom. B'dan il-mod, Credence ma kienux f'pożizzjoni li jiddefendu ruħhom sewwa minn kull allegazzjonijiet magħmula. Issir referenza għal Pelissier and Sassi v France[21] fejn il-QEDB qalet:*

*"51. The Court observes that the provisions of paragraph 3(a) of Article 6 point to the need for special attention to be paid to the notification of the "accusation" to the defendant. Particulars of the offence play a crucial role in the criminal process, in that it is from the moment of their service that the suspect is formally put on notice of the factual and legal basis of the charges against him (see the Kamasinski v. Austria judgment of 19 December 1989, Series A no. 168, pp. 36-37, § 79). Article 6 §3(a) of the Convention affords the defendant the right to be informed not only of the cause of the accusation, that is to say the acts he is alleged to have committed and on which the accusation is based, but also the legal characterisation given to those acts. That information should, as the Commission rightly stated, be detailed.*

*52. The scope of the above provision must in particular be assessed in the light of the more general right to a fair hearing guaraneed by Article 6 § 1 of the Convention (see, mutatis mutandis, the following judgements: Deweer v. Belgium of 27 February 1980, Series A no. 35, pp. 30-31, § 56; Artico v. Italy of 13 May 1980, Series A. No 37, p. 15, § 32; Goddi v. Italy of 9 April 1984, Series A no. 76, p. 11, § 28; and Colozza v. Italy of 12 February 1985, Series A no. 89, p. 14, § 26). The Court considers that in criminal matters the provision of full, detailed information concerning the charges against a defendant, and consequently the legal characterisation that the court might adopt in the matter, is an essential prerequisite for ensuring that the proceedings are fair."*

38. *F'dan il-każ, hu sottomess illi filwaqt li l-Korp mhux mistenni li jipprovdi l-informazzjoni u d-dettall kollu rigward l-allegat ksur li kien qed jipproponi li jsib, huwa kellu, tal-inqas, jipprovdi lil Credence bi spjegazzjoni ċara tal-kwistjoni li kienet qed tiġi nvestigata kif ukoll jiddeskrivi kjarament il-preżunti fatti li dwarhom bi ħsiebu jimponi multa. Kellu ukoll jagħti indikazzjoni tal-multa li kien ser jipproponi li jimponi. B'hekk, Credence kien ikollhom (a) l-opportunita' li janalizzaw b'mod sewwa kemm kienu gravi l-akkużi fil-konfront tagħhom u jwieġbu b'mod sew u opportun u/jew*

[21] Rikors Numru 25444/94 deċiża fil-25 ta' Marzu 1999

*(b) jpoġġu l-investigazzjoni fil-kuntest proprju u jieħdu l-miżuri neċessarji meta jwieġbu d-domandi magħmula lilhom b' informazzjoni b'mod xieraq u b'mod li jkunu ta' għajnuna għad-difiża tagħhom. Madanakollu, dan ma sarx: minflok, hu sottomess li Credence ma ngħatawx id-dettalji kollha tal-bażi tal-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tagħhom u b'riżultat t'hekk kien hemm ksur tad-drittijiet kif protetti mill-Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni.*

***Ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni***

39. *Credence ukoll jgħidu li mid-Deċiżjonijiet jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Il-bażi ta' numru tal-maġġor parti tad-Deċiżjonijiet, huma bbażati fuq interpetazzjoni suġġettiva għall-aħħar ta' regoli ġenerali kontenuti fir-Regolamenti u l-Implementing Procedures.*

40. *Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, r-Regolamenti u l-Implementing Procedures għandhom ikunu ċari u m'għandhom iħallu ebda dubbju dwar kif iċ-ċittadin jista' jonora l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-liġi. L-ebda awtorità pubblika m'għandha żżomm ċittadin responsabbli ta' ksur ta' regolament li jwassal għal multi ta' natura sostanzjali, addiritura ta' natura penali, mingħajr ma jkun hemm ksur ta' liġi jew regolament li jimponu obbligu ċar, u fejn il-liġi tħalli diskrezzjoni dwar kif għandu jew jista' persuna jonora l-obbligi mposti fuqu mill-liġi allura il-benefiċċju tad-dubju għandu f'kull kaz ikun favur iċ-ċittadin.*

41. *F'Camilleri v Malta*[22] *il-QEBD stabbiliet li:*

*"The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen nulla poena sine lege). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requierment is satisfied where the individual can*

22 QEBD, Każ numru 42931/10, 22 ta' Jannar 2013, para 34-35; ara ukoll Varvara v Italy 17475/09, G.I.E.M S.R.I. and Others v Italy, Nos 1828/06

*know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (Scoppola v Italy (no. 2) 10249/03 (17 September 2009)*

*When speaking of "law" Article 7 alludes to the very same concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept which comprises statute law as well as case-law and implies qualitative requirements must be satisfied as regards both the definition of an offence and the penalty the offence in question carries (see Kafkaris, 12 February 2008). An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assitance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be impsoed for the act and/or omission."*

42. *Għaldaqstant, liġi li tista' timponi xi forma ta' sanzjoni ta' natura kriminali trid tkun ċara u għandu jkollha bilfors element ta' foreseeability fejn persuna tkun tista' tifhem b'mod ċar x'inhi ir-responsabblita' tagħha u xi dmirijiet legali għandha sabiex ma tiġix responsabbli ta' ksur ta' dik id-dispożizzjoni. Filwaqt li fil-qasam tradizzjonali ta' akkużi kriminali (hekk imsejjħa hard core) hemm bżonn ukoll ta' dak li l-QEBD tiddeskrivih bħala l-'mental link' jew aħjar il-mens rea (kif komunament nirreferu għalih f'Malta), għall-finijiet ta' soft core criminal offences, bħala huma dawk li jaqgħu taħt l-Att u r-Regolamenti, ma hemmx neċessarjament bżonn il-mens rea sal-livell meħtieġ għall-offiżi kriminali hard core[23]. Madanakollu, dejjem hemm bżonn ta' ċarezza fil-liġi ta' x'jista' jikkostitwixxi offiża kriminali u l-liġi trid tiżgura li s-sejbin ta' ħtija ta' akkuża kriminali mhix waħda arbitrarja.*

43. *Mid-Deċiżjonijiet jirriżulta bl-iktar mod ċar li hemm leżjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti jissottomettu umilment li:*

[23] G.I.E.M. S.R.L. and Others v Italy

*a. Ir-regolament 5(1), u/jew ir-regolament 5(5)(a)(ii), u/jew ir-regolament 7(1)(c), u/jew r-regolament 7(2), u/jew ir-regolament 11(1) u/jew ir-regolament 11(2) tar-Regolament; kif ukoll;*

*b. Section 8.1 u Section 3.15 tal-Implementing Procedures*

*u/jew il-mod kif ġew interpretati mill-Korp fid-Deċiżjonijiet, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' Credence kif sanċiti fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.*

*44. Il-mod kif dawn id-dipożizzjonijiet legali huma miktubin huma ġeneriċi. Addizjonalment, il-mod kif applika r-Regolamenti u l-Implementing Procedures il-Korp kien arbitrarju għall-aħħar. Mhux hekk biss però, kif diġa' ntqal fil-paragrafi preċedenti, meta l-Korp ħareġ il-Minded Letters u stieden lil Credence jagħmlu s-sottomissjonijiet finali f'dan ir-rigward qabel mal-Korp wasal għal deċiżjoni finali, il-Korp ma nfurmax lil Credence dwar l-ammont ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u għaldaqstant Credence ma kienux konsapevoli tan-natura tal-gravita' tal-akkuża fil-konfront tagħhom.*

*45. Il-Korp jippretendi li fejn il-liġi timponi fuq persuna suġġetta rekwiżiti jew obbligi ġeneriċi, il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta li dawk ir-rekwiżiti u/jew obbligi ġeneriċi jinterpretahom hu kif irid, bi kwalunkwe mod soġġettiv li jaħsibha hu, u mingħajr ma għandu għalfejn ikun raġonevoli jew inkella jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu jew għal mod kif qed jinterpreta dawk l-obbligi ġeneriċi. It-teżi tal-appellant hi li għandha tkun il-liġi biss li tista' tipprovdi liċ-ċittadin b'ċertezza dwar il-kondotta tiegħu, kif ukoll il-mod ta' kif jikkomporta ruħu. Issa l-esponent jifhem illi f'ċertu każijiet, l-Istat, jew awtorita' pubblika, huwa mogħni b'ċertu diskrezzjoni meta jkun qed jevalwa jekk hemmx ksur ta' liġi jew le. Madanakollu, dik id-diskrezzjoni mhix assoluta jew għal kollox soġġettiva u ma tistax twassal għal interpretazzjoni differenti jew ħafna iktar wiesgħa tad-dispożizzjonijiet legali li l-awtorita' qed tfittex it-tħaris tagħhom u/jew li huma ferm iktar tassattivi fuq il-persuna suġġetta. Fejn il-liġi timponi tali obbligi ġeneriċi li jistgħu jiġu sodisfatti b'modi diversi (u allura ma tiddisponix b'mod tassattiv kif wieħed jista' jottempera ruħu ma dispożizzjonijiet tal-liġi) l-awtorità pubblika m'għandhiex diskrezzjoni jew mansjoni fil-liġi li tiddeċiedi hi stess liema hu l-mod aċċettabbli ta' kif dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi osservata (mingħajr lanqas biss tkun ikkomunikatu mal-persuna suġġetta minn qabel), u f'kaz illi l-mod*

*soġġettiv minnha maħsub (iżda mhux ikkomunikat lill-pubbliku) ma jiġix osservat allura tasal għal konklużjoni li hemm ksur tad-dispożizzjoni legali. Dan imur kontra l-għan tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni kif interpretati mill-każistika vasta tal-QEBD.*

Rat id-dokumenti esebiti mar-Rikors promotur (fol 20 sa 255);

Rat id-digriet tagħha, kif diversament preseduta, tad-9 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għat-8 ta' Ġunju 2021 fid-9:15 a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** intavolata fil-21 ta' April 2021 (fol 258) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex <u>ir-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali</u>. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju xieraq meta l-appell għadu lanqas biss instema';*

*Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex <u>tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha</u> u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali. L-artikoli 12A, u /jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt,*

*minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali.*

*Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;*

*Mertu*

3. *Illi <u>mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti</u>, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6§1, 6§3 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:*

4. *Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;*

5. *Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, ilpersuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu."*

6. *Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - A verbis legis non est recedendum;*

7. *Illi l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

8. *Illi b'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza <u>Engel u oħrajn v. L-Olanda</u> tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "hard core of criminal law" u "cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law";*

9. *Illi l-esponent jenfasizza li <u>dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali</u> jew piena li taqa' fil-parametri ta' "hard core of criminal law", allura <u>ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti</u>. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara <u>Jussila v. il-Finlandja</u> deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u <u>Hüseyin Turan v. It-Turkija</u> deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara <u>Janosevic vs. L-Isvezja</u> deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);*

10. *Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu;*

11. *Illi jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti l-Appell mid-deċiżjoni tal-Korp għadu ma ġiex deċiż, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;*

12. *Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;*

13. *Illi jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;*

14. *Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti;*

15. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-**risposta** tal-intimat Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja intavolata fis-6 ta' Mejju 2021 (fol 263) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi in via preliminari l-kawza hija irritwali billi l-atturi huma tnejn izda huwa evidenti li l-kawza ta' kull wiehed minnhom hija separata u distinta minn*

*dik tal-iehor u m'ghandhomx x'jaqsmu ma' xulxin fil-mertu. Lanqas hu l-kaz li d-decizjoni fil-konfront ta' attur minnhom sejra b'xi mod taffettwa d-decizjoni fil-konfront tal-attur l-iehor. Ghaldaqstant jonqsu kompletament il-kriterji biex l-atturi jkunu jistghu igibu l-kawzi taghhom flimkien b'rikors wiehed ai termini tal-Artikolu 161(3) tal-Kap.12, applikabbli a tenur tar-Regolament 7 tar-Regoli dwar il-Prattika tal-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S.12.09). Kull wiehed mill-atturi qed jibni l-kawza tieghu fuq proceduri amministrattivi li kienu jikkoncernaw lilu u lilu biss u li ma kienu bl-ebda mod jinvolvu jew jaffettwaw lill-attur l-iehor. Ghalhekk ukoll il-provi li jistghu jingiebu f'kawza ta' attur minnhom ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-provi li jistghu jingabu fil-kawza tal-attur l-iehor. Inoltre l-atturi naqsu li jiddikjaraw u jindikaw b'mod espress, car u specifiku l-mertu tal-kawza li tispetta lil kull attur. Minhabba li z-zewg kawzi gew imwahhdin f'wahda minghajr ma saret ebda distinzjoni bejn l-interess ta' kull attur, ir-rikors promotur huwa wkoll nieqes minn dikjarazzjoni mfissra b'mod car u sewwa x'inhuma l-fatti li jaghtu lok ghal <u>kull wiehed miz-zewg ilmenti li gew proposti</u>, kif irid ir-Regolament 3(1) tal-imsemmija Regoli dwar il-Prattika tal-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S.12.09). Dan kollu johloq pregudizzju gravi ghall-konvenuti fid-difiza taghhom u jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-forma li trid il-ligi li ma jistax jigi ssanat. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha jew tiddikjara l-azzjoni irrita u nulla jew inkella, dejjem jekk dan huwa possibbli mill-mod kif gew formolati t-talbiet, tiddikjara li mhux espedjenti li l-kawzi taz-zewg atturi jinstemghu flimkien u tordna li l-kawza ta' attur minnhom ghandha tinstema' ghaliha u separatament minn dik ta' attur iehor u b'hekk tissepara l-azzjonijiet ai termini tal-Artikolu 161(4) tal-Kap.12;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jiddifettaw mill-interess guridiku rikjest mil-ligi biex jippromwovu t-talbiet kif proposti minnhom. Il-kaz huwa msejjes fuq zewg processi amministrattivi distinti li wasslu ghal zewg decizjonjiet distinti fil-konfront ta' zewg kumpanniji distinti ("id-decizjonijiet"). F'dan is-sens ghalhekk Credence Corporate and Advisory Services Limited ("Credence Corporate") ma tistax tippretendi li tattakka l-process amministrattiv u d-decizjoni tal-Korp fil-konfront ta' Credence Fiduciary Limited ("Credence Fiduciary"), u vice versa. Il-process amministrattiv u d-decizjoni jolqot biss lil dik l-entita' li l-istess process u decizjoni jkunu diretti lejha. Ir-rikorrenti pero' ghazlu li jintavolaw kawza wahda u t-talbiet huma tali li ma jaghmlu ebda distinzjoni bejn iz-zewg atturi fis-sens li kull wahda mill-kumpanniji attrici qed tattakka z-zewg decizjonijiet ghalkemm hija kienet involuta biss f'wahda minnhom, u b'hekk kull wahda miz-zewg entitajiet, qieghda effettivament tistrieh fuq sett ta' fatti li ma jikkoncernawhiex u qieghda tressaq it-talbiet abbazi tal-istess. Evidentement ghalhekk l-ebda wahda mill-atturi ma ghandha l-interess guridiku biex tippromwovi t-talbiet kif proposti;*

3. *Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent umilment jissottometti illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju effettiv ghad-disposizzjoni taghhom a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' ligi, izda anki fuq il-mertu tad-decizjonijiet tal-Korp. Fil-fatt is-socjetajiet rikorrenti ghazlu li juzufruwixxu ruhhom minn dan ir-rimedju u intavolaw l-appelli rispettivi taghhom a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appelli ghadhom pendenti. Ghalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju*

*disponibbli ghar-rikorrenti ghad mhuwiex ezawrit. Ghaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.*

4. *Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva billi d-decizjonijiet tal-Korp esponent fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti ghadhom qieghdin jigu kkontestati permezz tal-appelli hawn fuq imsemmija. Ladarba r-rikorrenti ghazlu li jintavolaw l-appelli rispettivi, huma ghandhom jistennew li dawk l-appelli jiehdu l-kors kollu taghhom billi f'dan l-istadju ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali fir-rigward tal-istess. Jekk sa llum ghadu qed jigi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk il-multi imposti tramite d-decizjonijiet tal-Korp, hux ser jigu kkonfermati jew le, wiehed ma jistax f'daqqa wahda jinsa' li potenzjalment dawk il-multi jistghu jigu ikkonfermati jew imhassra u jghaddi biex jara jistax jannulla dawk il-multi abbazi ta' ksur ta' ligi specjali dwar drittijiet fundamentali (haga li tippresupponi li l-multi gew diga' kkonfermati u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju iehor taht il-ligi ordinarja).*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi in kwantu ghal-lanjanzi immirati lejn il-Ligi innifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tieghu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Ligi u b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' ohra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Ligi twassalx ghall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tigi imwiegba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.*

6. *Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk il-legislatur Malti huwa marbut bir-rekwiziti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni; F'dan ir-rigward wiehed ghandu jqis il-principju generali abbraccat mill-Qrati Ewropej illi l-Ligi Kommunitarja hija prezunta bhala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi kaz, japplika il-principju ta' supremazija tal-Ligi Kommunitarja. Fil-fatt l-obbligi relattivi u l-inforzar tal-istess huma lkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluz il-Ligi Ewropea kif gia inghad, u obbligi internazzjonali ohra inkluz ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-European Banking Authority u l-Financial Action Task Force.*

7. *Illi fi kwalsiasi kaz u minaghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikoli 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni") ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-kaz odjern in kwantu tali artikoli jipprovdu esklussivament ghall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jaghmel l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Ghalhekk ma jista' jkun hemm ebda kaz ta' lezjoni tad-drittijiet sanciti mill-imsemmija artikoli peress li l-garanziji hemm delineati mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.*

8. *Illi l-process adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u l-multi imposti mill-Korp huma amministrattivi. Il-quantum tal-multa*

*m'huwiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tigi meqjusa meta wiehed jigi biex jiddetermina in-natura tal-multa; Fost il-fatturi l-ohra li jindikaw li l-multa hija wahda amministrattiva, wiehed ghandu inter alia iqis il-fatt li l-imsemmija multa la tista' twassal ghal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tigi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiza biss bhala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda multa hekk imposta ma hija konvertibbli fi prigunerija. F'dan is-sens ukoll il-quantum ghandu jigi konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-persuna suggetta relattiva; evidentement sabiex multa amministrattiva tkun effettiva, jehtieg illi jkun hemm element ta' proporzjonalita' relattivament ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-multi imposti huma proporzjonati tenut kont tal-vjolazzjonijiet regolatorji numeruzi u sistematici kommessi mis-socjetajiet rikorrenti. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjonijiet in kwistjoni.*

9. *Illi inoltre l-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bhala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.*

10. *Illi ghalhekk il-varji garanziji li qieghdin jipprovaw jinvokaw r-rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-kaz odjern u f'dan is-sens ukoll ma jista' jkun hemm ebda ksur tal-artikoli 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni in kwantu l-kaz odjern si tratta dwar proceduri ta' natura amministrattiva u mhux kriminali.*

11. *Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti jigi bir-rispett eccepit illi l-ebda mill-artikoli 12A, 13, 13A, 13B, 13C, 18 u 19 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ir-Regolament 21 tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu (L.S. 373.01) ("ir-Regolamenti"), ma jilledu d-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq kif sancit taht l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Kovenzjoni. Kif gia sottomess, l-artikolu 39(1) japplika biss fil-kuntest ta' proceduri kriminali u mhux fil-kuntest ta' proceduri amministrattivi, bhal dawk in disamina.*

12. *Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali. Inoltre l-Korp ghandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeciedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-persuni suggetti u dwar l-imposizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita' u mhux minnu li l-istess persuni qed jagixxu ta' prosekuzzjoni, gurija u mhallef fl-istess kaz, kif jallegaw is-socjetajiet rikorrenti fir-rikors taghhom.*

13. *Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent jagixxi bhala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suggetti sabiex jassigura l-konformita' taghhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intizi sabiex l-imsemmija Persuni Suggetti ma jigux utilizzati minn terzi ghall-finijiet ta' hasil ta' flus jew finanzjar ta' terrorizmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Ligi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appoziti f'kaz ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp qua Regolatur huwa propju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Ligi u l-prevenzjoni ta' hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. Ghalhekk ukoll il-Korp esponent huwa ghal kollox*

*independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa ghandu huwa propju l-osservanza tal-Ligi.*

14. *Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 13A tal-Kap 373 jaghti rimedju adegwat biex jigi assigurat id-dritt tas-smiegh xieraq. A tenur tal-imsemmi artikolu 13A, il-persuna suggetta li fuqha tkun giet inflitta l-multa, ghandha l-opportunita' li tressaq il-kaz kollu taghha – kemm fuq punti ta' fatti, kif ukoll ta' ligi – quddiem Qorti mwaqqfa bil-Ligi u moghnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd ghal smiegh xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-revizjoni tad-decizjoni tal-esponent mill-Qorti tal-Appell hija garanzija sufficjenti ta' smiegh xieraq fir-rigward tal-multi imposti mill-Korp. Ghalhekk ukoll ma jista' jirrizulta ebda ksur, la tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.*

15. *Illi l-imsemmi dritt ta' appell taht l-artikolu 13A huwa wiehed shih u ma huwa ristrett b'ebda mod. Jidher li r-rikorrenti qieghdin jibbazaw din il-parti tal-ilment taghhom fuq dak li huma jikkonsidraw bhala limitazzjonijiet procedurali naxxenti mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; Madanakollu din il-lanjanza hija infondata ghaliex il-Ligi procedurali espressament tipprovdi ghall-possibilita' illi jitressqu provi u jsiru sottomissjonijiet ulterjuri anke fl-istadju tal-appell. Fil-fatt lanqas ma jistghu r-rikorrenti jghidu illi huma gew imcahhda mill-possibilita' li jressqu provi fl-istadju tal-appell ghaliex huma fil-fatt (sal-gurnata tal-llum) ghadhom ma ghamlu ebda talba f'dak is-sens quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Addirittura jigi rilevat illi fil-kors tal-appelli taht l-artikolu 13A tal-Kap.373, il-Qorti tal-Appell regolarment tisma' l-provi meta mitluba li taghmel dan.*

16. *Illi fi kwlasiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp esponent f'kull stadju attivament involva lis-socjetajiet rikorrenti u provdiehom bl-informazzjoni shiha u dettaljata dwar il-processi li eventwalment wasslu ghad-decizjonijiet tieghu, inkluz bl-involviment tal-istess rikorrenti waqt iz-zjara u billi forniehom b'dettall estensiv qabel ma tahom l-opportunita' li jressqu r-rappresentazzjonijiet taghhom, u dan sabiex huma jkunu f'posizzjoni li jiddefendu ruhhom b'mod effettiv, kif fil-fatt kellhom opportunita' shiha li jaghmlu. Ir-rikorrenti kienu mitluba jissuplixxu lill-Korp bid-dokumenti li juru li huma kienu konformi mal-obbligi taghhom sa minn qabel ma saret iz-zjara; Huma nghataw l-istess opportunita' waqt iz-zjara stess u anke sussegwentement, inkluz meta gew mgharrfa dettaljament bil-vjolazzjonijiet li preliminarjament deher li kienu jissussistu. Ghalhekk ir-rikorrenti kellhom kull opportunita' li jressqu l-provi taghhom anke quddiem il-Korp qabel ma wasal ghad-decizjoni tieghu.*

17. *Illi lanqas ma huwa minnu illi d-dritt ta' appell taht l-artikolu 13A tal-Kap 373 iwassal ghal xi inverzjoni tal-oneru tal-prova. Fl-istadju tal-appell, il-Korp esponent ikun diga ressaq il-kaz tieghu fis-shih, kif kontenut fid-decizjoni appellata stess u ghalhekk jekk f'dak l-istadju l-persuna suggetta li tkun qieghda tappella mill-multa jidhrilha li ghandha provi xi tressaq, hija effettivament tkun qieghda twiegeb ghall-posizzjoni mehuda mill-Korp ibbazata fuq il-provi kollha migbura minnu u li jikkostitwixxu l-kontenut tal-file intern li jwassal ghad-decizjoni tal-Korp u li jigi prezentat quddiem il-Qorti tal-Appell u li huwa disponibbli ghall-persuna suggetta. Lanqas ma huwa rilevanti t-terminu ghad-decizjoni tal-Qorti kif stabbilit mil-Ligi; Il-fatt illi l-Ligi tipprovdi ghall-process spedit bl-ebda mod ma jfisser illi d-dritt ghal smiegh xieraq jigi mittifes. L-argument tar-rikorrenti huwa wiehed spekolattiv u minghajr bazi; ir-rikorrenti qieghdin jaghmlu assunzjonijiet*

*fiergha dwar dak li jista' jaffettwa l-hsieb tal-gudikant. Addirittura a tenur tal-artikolu 13A(5) tal-Kap 373, dak it-terminu jista' jigi estiz bil-qbil taz-zewg partijiet* ***jew*** *mill-Qorti minn jedda ghal ragunijiet eccezzjonali; L-element ta' diskrezzjoni tal-gudikant jibqa' dejjem essenzjali propju sabiex ikopri dawk is-sitwazzjonijiet li l-Ligi mhux necessarjament tkun prevediet, u dan sabiex jigi accertat illi ssir gustizzja f'kull cirkostanza.*

18. *Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-parita' tal-armi, ir-rikorrenti jibbazaw l-ilment taghhom primarjament fuq allegat ksur tad-dritt li ma jinkriminawx ruhhom, liema dritt japplika biss fil-kamp kriminali u ghalhekk ma ghandux rilevanza ghal dawn il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-allegazzjoni hija kompletament infondata. Ir-rikorrenti erronjament jirreferu ghall-process li wassal ghad-decizjoni tal-Korp bhala wieħed investigattiv; dak il-process fil-fatt huwa wiehed supervizorju u mhux investigattiv. Dak li ghamel il-Korp huwa compliance review fir-rigward tal-operat tar-rikorrenti sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti kienux konformi mal-obbligi legali taghhom min lat regolatorju. Din hija procedura rutina ta' supervizjoni u l-persuna suggetta ghandha l-obbligu skond il-Ligi illi tikkopera mal-Korp fil-kors tal-process ta' supervizjoni u tghaddi d-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti biex turi illi hija tinsab konformi mal-obbligi taghha. F'kaz li l-persuna suggetta tonqos milli tipprovdi d-dokumenti u informazzjoni mitluba minnu, il-Korp ghandu kull jedd illi jinferixxi li dawn ma kienux ezistenti. Il-lanjanza tar-rikorrenti ghandhom addirittura mill-assurd meta wiehed iqis illi l-Korp għandu d-dmir illi jwettaq monitoragg fuq il-persuni suggetti u jaccerta ruhu li kull persuna soggetta tkun qieghda zzomm l-informazzjoni u dokumentazzjoni kollha li hija rikjesta bil-ligi li zzomm. Ikun kontrosens li wiehed jippretendi li persuna soggetta tista' tinjora l-obbligi taghha naxxenti mil-ligi u tinheba wara l-iskuza li ma tridx tikxef dawk id-dokumenti, meta hija l-ligi stess li tobbligaha li zzomm u tikkompila dawk id-dokumenti ghall-fini ta' trasparenza u ghall-prevenzjoni tal-hasil ta' flus u tal-iffinanzjar tat-terrrorizmu. Li kieku l-persuna soggetta kellu jkollha l-possibilita' li tirrifjuta li tghaddi d-dokumentazzjoni lir-regolatur, is-sitwazzjoni tkun verament assurda billi tirrendi l-ligi minghajr snien u b'hekk tiftah is-suq kompletament ghall-abbuz mingħajr ebda forma ta' sorveljanza effettiva. Ta' min jirrileva illi hemm varji istanzi fil-ligi fejn persuna hija mistennija li tforni dokumenti lil xi awtorita'. Eżempju ta' dan huwa l-obbligu li wieħed jissottometti l-formola tat-taxxa mal-Kummissarju tat-Taxxa - żgur li hadd ma jghaddilu mill-ebda kantuniera ta' mohhu li ma jissottomettix l-imsemmija formola u fl-istess waqt jargumenta illi l-Kummissarju tat-Taxxa mhux intitolat li jassumi li dik il-formola ma tezistix jew jippretendi li jista' ma jissottomettix dik il-formola ghaliex altrimenti huwa jinkrimina ruhu. Dawn il-paraguni juru bic-car illi l-argument tas-soċjeta' rikorrenti huwa tassew superfluwu.*

19. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni dwar nuqqas ta' parita' tal-armi, jigi wkoll bir-rispett eccepit illi dan lanqas ma huwa il-kaz. Il-Korp ghandu bzonn iz-zmien sabiex jevalwa d-dokumenti mghoddija lilu mill-persuna suggetta; dawn id-dokumenti dejjem kienu u baqghu fil-pussess ta' dik il-persuna suggetta in kwantu huma dokumenti taghha stess. Ma huwiex il-kaz illi r-rikorrenti gew imcahhda minn access ghad-dokumenti relattivi. Di piu, qabel ma wasal ghad-decizjonijiet tieghu, il-Korp forna lis-socjetajiet rikorrenti bis-sejbiet preliminari tieghu b'mod dettaljat u b'referenza specifika ghall-kazijiet partikolari fejn deher li seta' kien hemm nuqqasijiet, u ghalhekk il-Korp forna lir-rikorrenti bl-informazzjoni shiha sabiex huma kienu f'posizzjoni fejn setghu jiddefendu ruhhom b'mod effettiv. In kwantu*

*ghat-termini li jillanjaw dwarhom ir-rikorrenti, dawk it-termini mahruga mill-Korp jistghu jigu estizi fuq talba tal-persuna suggetta, ir-rikorrenti ma ghamlu ebda talba f'dan is-sens. Dan fil-waqt illi t-terminu tal-appell ta' ghoxrin gurnata kif stabbilit mil-Ligi, huwa in linea mat-termini legali li japplikaw b'mod generali ghall-appelli fil-proceduri gudizzjarji nostrani.*

20. *Illi ghalhekk in vista tas-suespost, assolutament mhuwiex il-kaz illi l-artikoli 12A u/jew, 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13C u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit mill-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni.*

21. *Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, jigi umilment eccepit illi l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni ma jsibu ebda applikabbilita' fil-kuntest odjern ta' proceduri amministrattivi billi l-garanziji naxxenti minnhom jirrigwardaw garanziji fi proceduri kriminali kif gia inghad, u ghalhekk ma jista' jinsab ebda ksur tal-imsemmija artikoli fil-kaz odjern.*

22. *Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-process li wassal ghad-decizjonijiet tal-Korp bl-ebda mod ma' jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti. Is-socjetajiet rikorrenti gew mgharrfa bil-miktub, b'ilsien li huma jifhmu, dettaljament dwar x'kienu il-vjolazzjonijiet li l-Korp dehrlu li seta' kien hemm u dan permezz tal-hekk imsejha Potential Breaches Letters mahruga lis-socjetajiet rikorrenti rispettivament, it-tnejn ta' nhar l-14 ta' Frar, 2020. Ghandu jigi apprezzat il-fatt illi l-process li wassal ghad-decizjonijiet finali tal-Korp fil-konfront tar-rikorrenti, ma huwiex process investigattiv kif qieghdin jallegaw ir-rikorrenti fir-rikors taghhom. Il-process huwa wiehed ta' supervizjoni (compliance review) li issir bhala rutina fuq il-persuni suggetti b'mod generali, u mhux fuq xi suspett ta' ksur tal-Ligi. F'dan is-sens, meta jinbeda l-process ma jkun hemm ebda suspett kwalunkwe izda merament tinbeda procedura regolatorja fejn il-Korp jitlob access ghall-proceduri u dokumenti tal-persuna suggetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qieghda taderixxi ruhha mal-obbligi taghha dwar il-prevenzjoni tal-hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. F'dak il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrenti bih. Meta imbaghad gie konkluz illi kien jidher li hemm ksur tal-Ligi, il-Korp baghat l-imsemmija Potential Breaches Letters, li dettaljament jiddelineaw il-fatti relattivi u jikkwotaw in-numru estensiv tad-disposizzjonijiet tal-Ligi li kien jidher li gew miksura. Dan kien jixhed il-fatt li l-kwistjoni kienet serja. Il-fatt li l-multi li l-Korp eventwalment impona ma gewx indikata f'dak il-punt, huwa kompletament irrelevanti peress illi l-Korp ma kellu ebda obbligu li jindika dan. Il-pieni li persuna suggetta tista' tehel johorgu mil-Ligi u in linea mal-massima bazilari ignorantia juris neminem excusat, ir-rikorrenti ma jistghux jistriehu fuq in-nuqqas ta' gharfien taghhom tal-Ligi.*

23. *Illi ghalhekk ukoll assolutament ma kien hemm ebda ksur tal-artikoli 6(3) tal-Konvenzjoni u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni.*

24. *Illi fir-rigward tat-tielet talba, il-Korp esponent umilment jeccepixxi illi l-artikolu 13 tal-Kap 373, ir-Regolament 21 tar-Regolamenti, u d-disposizzjonijiet l-ohra li ghalihom saret referenza fid-decizjonijiet u l-Implementing Procedures abbazi ta' liema l-Korp sab ksur li wassal ghad-decizjonijiet, bl-ebda mod ma jilledu d-dritt fondamentali kif sancit fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.*

25. *Illi fl-ewwel lok l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni it-tnejn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u ghalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-kaz odjern li jikkoncerna multi amministrattivi imposta mir-Regolatur, dan kif gia eccepit hawn fuq.*

26. *Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, jigi eccepit li d-disposizzjonijiet tal-Ligi huma ampjament cari, certi u dettaljati u ma hemm ebda lok ta' dubbju dwar l-obbligi li jinkombu fuq il-persuna suggetta. B'mod partikolari jigi sottomess illi r-Regolament 5(1) u/jew ir-Regolament 5(5)(a)(ii) u/jew ir-Regolament 7(1)(c) u/jew ir-Regolament 7(2) u/jew ir-Regolament 11(1) u/jew ir-Regolament 11(2) bl-ebda mod ma' jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Daqstant iehor Section 8.1 u Section 3.15 tal-Implementing Procedures ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti bl-ebda mod. Di piu ebda disposizzjoni ohra tar-Regolamenti jew tal-Implementing Procedures ma tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti. Il-multi li tista' tehel il-persuna suggetta huma tant iehor cari fil-Ligi.*

27. *Illi ghalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Ligi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, l-Implementing Procedures kif ukoll il-processi ta' compliance review u d-decizjonijiet tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jew drittijiet ohra fondamentali.*

28. *Illi daqstant iehor ghal dak li jirrigwarda r-raba' talba tar-rikorrenti, jigi eccepit illi ebda parti mid-decizjonijiet tal-Korp, jew tal-mod kif iddecieda l-Korp, ma tilledi l-imsemmija artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Il-Ligi hija cara kif inghad u l-kwistjoni dwar jekk il-Korp esponent applikax il-Ligi sew, ma hijiex kwistjoni ta' natura kostituzzjonali izda tidhol fil-mertu tal-kazijiet infushom li jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li tista' tvarja, thassar jew tikkonferma d-decizjonijiet tal-Korp.*

29. *Illi ghalhekk il-processi ta' compliance review fir-rigward tar-rikorrenti u kif ukoll id-decizjonijiet tal-Korp fil-konfront tal-istess socjetajiet rikorrenti huma lkoll validi u skond il-Ligi fl-intier taghhom.*

30. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-artikoli 12A u/jew, 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13C u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew ir-Regolament 21, kif ukoll id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti u l-Implementing Procedures li abbazi taghhom il-Korp sab il-ksur tal-obbligi tar-rikorrenti, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsijasi kaz mexa skond il-Ligi, inkluz fil-process li wassal ghad-decizjonijiet tieghu fil-konfront tar-rikorrenti, u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjetajiet rikorrenti, inkluz fid-decizjonijiet innifishom u ghalhekk l-allegazzjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

31. *Illi ghalhekk ukoll l-esponent ma jista' jigi dikjarat responsabbli ta' l-ebda danni fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti.*

32. *Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li xi wahda jew aktar mit-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti jimmeritaw li jigu milqugha (u dan qed jinghad purament ghall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet ghandhom effettivament jigu michuda fl-interezza taghhom) allura f'dak il-kaz dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghandha tkun sufficjenti u m'ghandux ikun il-kaz li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.*

33. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet rikorrenti.*

34. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021, id-difensuri tal-partijiet għamlu referenza għall-proċeduri 85/2020 u 86/2020 pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u infurmaw lil Qorti li filwaqt li f'dawk l-Appelli intalbet is-soprasessjoni tal-Qorti tal-Appell, digriet f'dak is-sens kellu jingħata fil-ġranet ta' wara.

Rat ir-rikors tal-intimat Korp għall-Analiżi ta' Infomazzjoni Finanzjarja intavolat fis-7 ta' Settembru 2021 (fol 276), fejn il-Qorti ġiet mitluba, b'referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti bir-referenza 175/21LM, tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet prelimari tal-istess Korp kif ukoll dawk tal-Avukat tal-Istat qabel ma tgħaddi sabiex tisma' l-mertu tal-kawża odjerna.

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021, il-Qorti ddikjarat li sejra tammetti l-provi li s-soċjetajiet rikorrenti jixtiequ jressqu u tirriżerva li tipprovdi dwar ir-rikors tal-Korp intimat tas-7 ta' Settembru 2021 fi stadju ieħor.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021, is-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw nota (fol 323) b'affidavit tal-**Avukat Ivan Vella** (fol 325 sa fol 326) u numru ta' dokumenti (fol 327 sa fol 433).

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2021, id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors imressaq mill-intimat Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja fis-7 ta' Settembru 2021.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Ottubru 2021 (fol 435), li bih ċaħdet it-talba tal-intimat Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif kontenuta fir-rikors tiegħu tas-7 ta' Settembru 2021.

Rat in-nota tal-intimat Korp għall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja intavolat fit-13 ta' Jannar 2022 (fol 438) li permezz tagħha ppreżentat numru ta' dokumenti mitluba mis-soċjetajiet rikorrenti (fol 440 sa fol 568).

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2022, <u>id-difensuri kollha tal-partijiet kollha</u> ddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li l-kawża tibqa' tinstema mill-Qorti kif presjeduta u dana stante li fis-sezzjoni tax-xhud Elena Tabone li tokkupa l-kariga ta' *head of enforcement FIAU* taħdem oħt l-Imħallef sedenti.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2022, xehdu **Alfred Zammit in rappreżentanza tal-FIAU**, **Daniela Mizzi in rappreżentanza tal-FIAU** u **Elena Tabone in rappreżentanza tal-FIAU**, ilkoll prodotti mis-soċjetajiet rikorrenti.

Rat in-nota tas-soċjetajiet rikorrenti intavolata fl-4 ta' April 2022 (fol 592) li permezz tagħha ppreżentaw numru ta' dokumenti (fol 593 sa fol 654).

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2022, xehdu **Alfred Zammit in rappreżentanza tal-FIAU**, **Daniela Mizzi in rappreżentanza tal-FIAU** u **Dr Adrian Muscat Azzopardi**

**in rappreżentanza tas-soċjetajiet rikorrenti**, ilkoll prodotti mis-soċjetajiet rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2022, is-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw nota (fol 697) b'affidavit tal-**Avukat Adrian Muscat Azzopardi** (fol 698 sa fol 699) u ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2022, xehdet **Elena Tabone** prodotta mill-Korp intimat.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2023 xehed l-**Avukat Ivan Vella** in kontro-eżami. Rat ukoll illi l-Korp intimat ippreżenta nota (fol 729), b'żewġ dokumenti (fol 730 sa fol 737).

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2023, il-Korp intimat ippreżenta nota (fol 744) b'numru ta' dokumenti (fol 746 sa fol 1090). Rat ukoll illi xehed **Alfred Zammit** in kontro-eżami.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2023, id-difensuri tal-intimati ddikjaraw li ma' kellhomx aktar provi x'jipproduċu u għalhekk il-Qorti ddikjarat l-provi tal-partijiet magħluqa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2024, wara li l-partijiet trattaw il-kawża, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Provi Dokumentarji

Is-**soċjetajiet rikorrenti** ppreżentaw is-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok A: Ittra datata 13 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha l-Korp intimat ikkomunika d-deċiżjoni li timponi piena fuq is-soċjetà rikorrenti Credence Corporate and Advisory Services Limited;

Dok B: Ittra datata 13 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha l-Korp intimat ikkomunika d-deċiżjoni li timponi piena fuq is-soċjetà rikorrenti Credence Fiduciary Limited;

Dok C u D: L-Appelli mressaq mid-deċiżjonijiet kontenuti fl-imsemmija ittri;

Dok BRAG: Il-Business Risk Assessment Guidelines maħruġa mill-Korp intimat datati 9 ta' April 2021;

Dok EF: Enforcement Factsheet maħruġ mill-Korp intimat datat 4 ta' Mejju 2021;

Dok PQ: Kopja ta' mistoqsija Parlamentari numru 17786 datata 11 ta' Diċembru 2020;

Dok A1, B1 u C1: *Annual Report and Financial Statements* ta' Credence Corporate Services Limited għas-snin 2018, 2019 u 2020;

Dok A2, B2 u C2: *Annual Report and Financial Statements* ta' Credence Fiduciary Limited għas-snin 2018, 2019 u 2020;

**Fuq talba tas-soċjetajiet rikorrenti**, il-Korp intimat ippreżenta s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok A(1): Kopja tal-*Anti-Money Laundering/Counter-Financing of Terrorism (AML/CFT) Sanctions Policy*;

Dok A(2): Kopja tal-*Publication of AML/CFT Administrative Penalties and Measures Policies and Procedure*;

Dok A(3): Kopja tas-*Sanction Tool* relattiva għall-kumpanija rikorrenti Credence Corporate and Advisory Services Limited;

Dok A(4): Kopja tas-*Sanction Tool* relattiva għall-kumpanija rikorrenti Credence Fiduciary Limited;

Dok B: Kopja tal-*Implementing Procedures* applikabbli waqt l-onsite inspection;

Dok C: Minuti tal-laqgħa tal-*Compliance Monitoring Committee* fejn ġew diskussi l-*compliance examinations* fuq il-kumpaniji rikorrenti u fejn ittieħdu d-deċiżjonijiet relattivi.

**Il-Korp intimat** ppreżenta s-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok A: Rappreżentazzjonijiet ta' Credence Corporate and Advisory Services Limited u d-dokumenti li ġew annessi mal-istess;

Dok B: Rappreżentazzjonijiet ta' Credence Fiduciary Services Limited u d-dokumenti li ġew annessi mal-istess;

Dok C: Pubblikazzjoni skont l-Artikolu 13C tal-Kap 373 rigward s-sanzjoni imposta fuq Credence Corporate and Advisory Services Limited;

Dok D: Pubblikazzjoni skont l-artikolu 13C tal-Kap 373 rigward s-sanzjoni imposta fuq Credence Fiduciary Limited;

Dok E: Pubblikazzjoni skont l-artikolu 13C tal-Kap 373 fir-rigward ta' terz, li turi l-emenda li jagħmel il-Korp wara li jsir appell;

Dok F: *Publication of AML/CFT Administrative Measures: Policies and Procedures*

Dok G: *Compliance Monitoring Committee: Governing Principle and Framework*

Dok H: *Process Flow Chart*

Dok I: Estratt mis-sit elettroniku tal-Qrati li juri li ġie intavolat appell minn Credence Corporate and Advisory Services Limited u li għadu pendenti;

Dok J: Estratt mis-sit elettroniku tal-Qrati li juri li ġie intavolat appell minn Credence Fiduciary Limited u li għadu pendenti;

Dok K: Estratti mis-sit elettroniku tal-Qrati nostrani li juri li s-smigħ tal-appelli amministrattivi skont l-artikolu 13A regolarment jaqbeż is-sitt xhur;

Dok L: L-aħħar verbal disponibbli fil-proċeduri tal-appell amministrattiv imressqa minn Credence Corporate and Advisory Services Limited;

Dok M: L-aħħar verbal disponibbli fil-proċeduri tal-appell amministrattiv imressqa minn Credence Fiduciary Limited;

Dok N: Riżoluzzjoni tal-azzjonisti a tenur ta' liema ġie mibdul l-isem tal-kumpanija Credence Holdings Limited għal Credence Fiduciary Limited;

Dok O: *Fifth Round Mutual Evaluation Report* tal-MONEYVAL, ppublikat fl-2019.

<u>Xhieda</u>

L-**Avukat Ivan Vella**, fl-affidavit tiegħu jispjega li hu direttur fuq il-bord tad-diretturi taż-żewġ soċjetajiet rikorrenti u ilu f'tali rwol mid-dati rispettivi tal-kostituzzjoni tal-kumpanniji, u ukoll jeżerċita l-irwol ta' rappreżentant legali u gudizzjarju fl-istess kumpaniji.

Jgħid li Credence Corporate and Advisory Services Limited ġiet kostitwita fis-7 ta' Diċembru 2006 mentri Credence Fiduciary Limited kienet kostitwita nhar is-6 ta' Frar 2008 u l-benefiċċjarji taż-żewġ kumpaniji huma l-istess persuni li kienu l-azzjonisti fundaturi tagħhom. Jispjega li fl-1 ta' Jannar 2020, permezz ta' *group reorginazation* l-ishma kollha taż-żewġ kumpaniji ġew mgħoddija mill-azzjonisti fundaturi lis-soċjeta' Credence Holdings Limited li l-azzjonisti tagħha huma l-azzjonisti fundaturi taż-żewġ kumpaniji.

Jispjega li s-soċjetajiet rikorrenti huma 'persuni soġġetti' kif mifhuma skont ir-regolament kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta) u bejn id-29 ta' April 2019 u d-9 ta' Mejju 2019 saret *compliance visit* mill-Korp intimat tal-istess soċjetajiet fl-istess post u ċioe` l-uffiċju tal-istess xhud, minn fejn iż-żewġ kumpaniji joperaw.

Jgħid li permezz ta' żewġ ittri datati 14 ta' Frar 2020, il-Korp intimat ikkomunika l-osservazzjonijiet tiegħu fejn informa lis-soċjetajiet rikorrenti li kien sab ċertu nuqqasijiet u kien qiegħed jaħseb li hemm ksur tal-liġijiet applikabbli u ta lis-soċjetajiet rikorrenti xahar żmien sabiex jagħmlu ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom.

Jispjega li l-Korp ma nformax lis-soċjetajiet rikorrenti dwar l-ammont ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi u għalhekk ma kienux konsapevoli tan-natura tal-gravita` tal-akkużi fil-konfront tagħhom.

Jgħid li s-soċjetajiet rikorrenti irrispondew l-istess itttra b'ittri datati 12 ta' Marzu 2020, iżda minkejja dan il-Korp intimat xorta ra lok illi jimponi pieni qawwija fl-ammonti ta' mija u tmintax -il elf, tliet mija u ħamsa u sittin Ewro (€118,365) u mija

u tlieta u ebrgħin elf, mija u dsatax -il Ewro (€142,119) rispettivament u dana permezz ta' żewġ ittra datati 13 ta' Novembru 2020, fejn fost oħrajn il-Korp intimat sab nuqqasijiet fil-konfront tal-*Business Risk Assessment, Customer Risk Assessment*, ġbir ta' informazzjoni dwar l-għan u n-natura tar-relazzjoni kummerċjali u affarijiet oħrajn.

Isostni li l-maggor parti tas-sejbien ta' ksur fid-deċiżjonijiet finali huma bbażati fuq interpretazzjoni suġġettiva għall-aħħar ta' regoli ġenerali kontenuti fil-qafas legali u għalhekk is-soċjetajiet rikorrenti ma kellhomx raġuni biex jaħsbu li ma kienux sostanzjalment konformi mal-obbligi tagħhom, iżda dan rriżulta minħabba li ma kienux jilħqu l-aspettattivi tal-Korp li ma kienux delinjati jew espletati fil-liġi nnifisha.

Jikkontendi li fid-deċiżjonijiet finali tiegħu, il-Korp intimat għażel li jinjora r-rappreżentazzjonijiet tas-soċjetajiet rikorrenti u dan minkejja li qatt ma ġew mistiedna jagħtu kjarifiċi. Jispjega li lanqas il-*Compliance Monitoring Committee* tal-Korp ma qatt stieden lis-soċjetajiet rikorrenti sabiex jagħmlu sottomissjonijiet quddiemha qabel ma wasal għad-deċiżjoni finali tiegħu. Isostni li l-Korp intimat għażel li jippublika d-deċiżjonijiet tiegħu minkejja li kien avżat li dawn kienu ser jiġu appellati u b'hekk ġiet imtappna b'mod definittiv u irrevokabbli r-reputazzjoni tas-soċjetajiet rikorrenti u għalhekk ġew leżi d-drittijiet tal-istess.

Jispjega li s-soċjetajiet rikorrenti ħassewhom aggravti b'din id-deċiżjoni u ressqu appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ai termini tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

l-Avukat Vella jkompli jsostni li s-soċjetajiet rikorrenti m'għandhom l-ebda għażla ħlief li jressqu dawn il-proċeduri kostituzzjonali u dana mhux biss għax il-liġi hija suġġettiva għall-aħħar, iżda wkoll għaliex l-liġi li permezz tagħha l-Korp jinvestiga u jimponi l-multi ma tipproteġix id-drittijiet ta' smigħ xieraq tagħhom. Jikkontendi li l-Korp intimat għandu poteri kbar fejn jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u qorti fl-istess ħin u dan peress li l-Korp jista' jimponi multi kbar u punittivi. Isostni li għas-soċjetajiet rikorrenti, il-liġi hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħhom għax ma tissalvagwardjax id-drittijiet tas-soċjetajiet rikorrenti li jingħataw smigħ xieraq u komplet quddiem Qorti indipendenti u imparzjali.

In kontro-eżami jikkonferma li s-soċjetajiet rikorrenti huma żewġ entitajiet separati, li jikkwalifikaw bħala *subject persons*. Mistoqsi jekk iż-żewġ kumpaniji jitmexxewx flimkien, jgħid li ma jistax jingħad hekk, iżda jista' jingħad li t-tnejn jappartjenu lill-istess grupp. Jikkonferma li għandu u kellu għarfien tal-obbligi ta' *anti-money laundering* u li għalhekk jaf illi r-regolament 21 jistabilixxi pieni amministrattivi li jistgħu jiġu mposti u li dawn huma derivati minn numru ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea.

Jikkonferma li l-*compliance visit* mill-Korp intimat saret bejn id-29 ta' April 2019 u d-9 ta' Mejju 2019 u li ntbagħtet *notification letter* ta' din il-visita qabel saret fejn ġew notifikati li l-vista ser issir u meta ser issir u ntallbu wkoll numru ta' dokumenti. Mistoqsi jekk ingħatawx id-dokumenti kollha jgħid li ma jiftakarx ingħatawx kollha.

Mistoqsi jekk hux minnu li l-Korp intimat, waqt il-visita kien wera tħassib dwar ċertu nuqqas ta' kooperazzjoni li kien qed isib mingħand il-kumpaniji, jgħid li ntalbu bħala bord jattendu laqgħa li saret fl-uffiċji tal-Korp u tal-MFSA u dakinhar ġie espress

mid-Deputy Director Zammit, li n-nies tiegħu kienu sabu nuqqas ta' kooperazzjoni. Jgħid li huma kienu sorpriżi b'dan stante li l-MLRO kienet hemm u kienet qed tiltaqa' mar-rappreżentanti tal-Korp intimat kuljum u għalhekk forsi kien hemm xi nuqqas ta' komunikazzjoni u bħala bord għidna li dan ser jiġi rimedjat immedjatament.

Mistoqsi jekk kienx preżenti matul il-visita tal-Korp intimat jgħid li l-uffiċjali jagħżlu huma ma min jitkellmu u fil-fatt fl-ewwel tlett ijiem ma kinux talbu li jiltaqgħu magħhom. Jgħid li kien konxju li qegħdin hemm u li qed jiltaqgħu mal-MLRO b'mod regolari.

Jikkonferma li s-soċjetajiet rikorrenti kienu rċevew rapport estensiv dwar x'instab fil-visita u huma kienu wieġbu billi għamlu rappreżentazzjonijiet bil-miktub. Jgħid li f'dak l-istadju ma talbux li jagħmlu laqgħa mal-Korp intimat stante li ma kinux jafu b'din il-possibilita`. Jikkonferma li s-soċjetajiet rikorrenti intavolaw appelli mid-deċiżjoni tal-Korp intimat, liema appelli għadhom pendenti. Jikkonferma li l-appelli jinsabu mwaqqfin fuq talba tal-istess soċjetajiet rikorrenti.

Fix-xhieda tiegħu, **Alfred Zammit**, *Deputy Director* fi ħdan il-Korp intimat, jispjega, b'referenza ghall-*compliance monitoring committee* fi hdan il-Korp, li u r-rwol tieghu hu li jkun ic-*Chairman* jew f'każ li d-Direttur ikun *chairman* huwa jkun membru. Jikkonferma li hu attenda għaż-żewġ laqgħat li nżammu relatati mas-soċjetajiet rikorrenti, f'Ġunju u f'Novembru. Jikkonferma li s-soċjetajiet rikorrenti ma kinux preżenti għal dawn il-laqgħat u li hija normali li ma jkunux preżenti. Jgħid li f'din l-aħħar sena kien hemm okkażjonijiet fejn il-kumpaniji kkonċernati kienu mistiedna jattendu. Jispjega li dan jiġri meta *subject person* juri interess li jattendi bil-miktub u l-kumitat jaċċetta. Jgħid li normalment ma jkunx il-każ li jkun il-kumitat li jagħmel l-istedina. Jikkonferma li kull membru li jattendi l-kumitat huwa mpjegat tal-korp intimat.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk is-soċjetajiet rikorrenti kienux talbu li jattendu għal-laqgħa tal-kumitat jgħid li ma jafx dan sarx iżda jgħid li kellhom laqgħa wara li l-kumitat kien ħa d-deċiżjoni tiegħu.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu u mistoqsi kemm jiltaqa' spiss il-*compliance monitoring committee*, ix-xhud igħid li jiltaqa' ta' spiss ħafna u regolari u kull ma jmur aktar tiżdied il-frekwenza. Jispjega li dan jiltaqa' dwar *compliance examinations* li jkunu ser jittellaw quddiem l-istess kumitat. Jgħid li l-aġenda tvarja u jista' jkun il-każ li tiġi diskussa entita` waħda biss jew aktar. Jispjega li l-ewwel ħaġa li l-kumitat jiddeċiedi hu li jara x'kienu l-*findings* u r-*representations* tas-*subject persons* u jidħol fihom. Jgħid li dawn huma diskussjonijiet twal li ġieli jdumu aktar minn ġurnata. Jgħid li b'hekk jistabilixxi jekk il-*potential breach* jirriżultax. Jispjega li mbagħad irid jiddeċiedi x'azzjoni ser tittieħed.

Mistoqsi x'dokumenti jirċievi l-kumitat qabel jiltaqa' jgħid li jirċievu dak msejjaħ is-*CMC Report* li jkun jikkonsisti f'*summary* tal-*findings* u tar-*representations.* Jispjega li dan jgħin lil membri jkunu familjari mal-każ imma jgħid li d-diskussjonijiet ikunu ħafna aktar dettaljati u jistgħu jdumu sigħat sħaħ fuq *finding* waħda.

Mistoqsi jekk ikunx il-każ li jkun diġa` jaf b'każ qabel ma jiġi diskuss mill-kumitat jgħid li ġieli kien hemm każijiet li waqt *compliance examination* jiġbdu l-attenzjoni tiegħu bħala direttur fuq xi ħaġa li tkun qamet iżda ma tiġrix spiss. Jispjega iżda li f'dawn il-kwistjoni l-involviment tiegħu ikun limitat. Jgħid li fil-każ odjern kienet inġibditlu l-attenzjoni li s-soċjetajiet rikorrenti ma kinux qed jikkoperaw biżżejjed. Ma jeskludix li qatt tkellem fuq is-soċjetajiet rikorrenti. Jispjega li l-Korp intimat jibni relazzjoni mas-*subject persons* u mhux l-ewwel darba li jiġu diskussi *breaches* magħhom li eventwalment iridu wkoll jgħaddu mill-eżami tal-kumitat.

Mistoqsi għand minn jirrikorru *subject persons* li jkollhom diffikulta`, jgħid li mhux dejjem jirrikorru għand l-istess persuna. Jgħid li ma hemmx nies li xogħolhom huwa dak. Jgħid li normalment ikun hemm xi ħadd involut mis-*supervision* u anke jkun involut hu jew id-Direttur. Jikkonferma li l-istess ħaġa tiġri meta jkun hemm *subject persons* li jkollhom xi ilmenti jew iħossuhom aggravati minn xi deċiżjoni.

Mistoqsi min kien responsabli għas-soċjetajiet rikorrenti bħala *supervisory* jgħid li din hi Lora Mifsud. Mistoqsi dwar l-irwol ta' Elena Tabone, jgħid li kienet aktar responsabbli biex tieħu ħsieb x'jiġri wara li l-*findings* ikunu kompluti. Jgħid li ma' Lora Mifsud ikun hemm nies oħra iżda kienet hi biss preżenti mbagħad għal-laqgħa tal-kumitat. Jispjega li Lora Mifsud tkun ghaddiet ir-rapport komplut lil Elena Tabone bħala infurzar.

Mistoqsi min ifassal is-*CMC Report* jgħid li attwalment qed isir mis-sezzjoni tal-infurzar, iżda dak iż-żmien kienu qed jagħmlu is-*supervisory section*. Jgħid li imbagħad la darba jitlaqqa' l-kumitat, l-irwol tas-sezzjoni tal-infurzar hija li timplimenta d-deċiżjoni tal-kumitat.

Fir-rigward ta' *subject persons* li jiltaqgħu mal-kumitat, jgħid li m'hemmx informazzjoni disponibbli dwar meta kien l-ewwel każ li *subject person* ġie jagħmel rappreżentazzjonijiet quddiem il-kumitat. Jgħid iżda li jiftakar anke laqgħat f'dan is-sens fl-2016 fejn hu kien involut. Jispjega li mhux l-ewwel darba wkoll li flimkien mar-*representations* bil-miktub *subject person* ikun talab li jagħmel laqgħa. Jgħid li waqt dawn il-laqgħat jittieħdu noti interni. Jispjega li jekk kemm -il darba l-laqgħa tkun saret qabel jitlaqqa' l-kumitat fuq il-każ partikolari, l-probabilita` hi li dak li jkun ma jiltaqax mal-kumitat minħabba li jkun għadu mhux kompost. Jispjega li għalkemm dak li jkun ingħad f'dawn il-laqgħat jasal quddiem il-kumitat, l-importanti huma r-*representations*.

Mistoqsi jekk qattx kien hemm talbiet sabiex *subject person* ikun preżenti waqt laqgħa tal-kumitat, jgħid li ma jafx li qatt kien hemm. Jgħid li s'issa lanqas hemm mekkaniżmu sabiex dak isir.

Mistoqsi jekk il-laqgħa li saret mas-soċjetajiet rikorrenti wara li ġiet imposta l-multa kinitx mal-kumitat jew mal-Korp intimat jgħid li mal-Korp żgur iżda ma jiftakarx min kien preżenti għal-laqgħa.

In kontro-eżami jikkonferma li bejn il-ħruġ tal-*compliance review report* u d-deċiżjoni tal-Kumitat, l-istess Kumitat ma jistedinx il-persuna soġġetta. Jikkonferma li jekk issir talba għal laqgħa mis-*subject person* din qatt ma tiġi rrifjutata, izda jikkonferma li s-soċjetajiet rikorrenti qatt ma talbu laqgħa.

Jgħid li l-kumitat ikollu quddiemu l-informazzjoni u l-evidenza kollha li tkun ngabret waqt il-visita. Jikkonferma li l-informazzjoni oriġinali tibqa' għand s-*subject persons* u għalhekk fil-fajl ikun hemm kopji.

Jikkonferma li l-visita li saret ghand is-soċjetajiet rikorrenti saret mill-uffiċjali tal-Korp intimat flimkien mal-uffiċjali tal-MFSA ai termini tal-artikolu 27(3) tal-Kap 373. Jgħid li dawn jassistu biss fl-istadju tas-*supervision* u l-irwol tagħhom huwa li jaġixxu bħala aġenti tas-*supervision*.

Mistoqsi rigward l-involviment li jkollha l-persuna soġġetta waqt il-visita, ix-xhud jgħid li huwa involviment kbir fis-sens li l-proċess jinvolvi ċertu ħin, tul ta' żmien u laqgħat u jkun hemm ħafna talbiet t'informazzjoni u għalhekk huwa proċess ta' komunikazzjoni kontinwa bejn min qed jagħmel il-visita u min qed jiġi eżaminat.

Mistoqsi x'passi ħadu s-soċjetajiet rikorrent wara li ħarġet id-deċiżjoni tal-Korp intimat jgħid li ż-żewġ deċiżjonijiet gew appellati, liema appelli għadhom pendenti. Jgħid li f'dak l-istadju huma jgħaddu lill-Qorti tal-Appell l-informazzjoni kollha li tkun inġabret sabiex waslu għal dik id-deċiżjoni, inkluż il-fajl intern. Jgħid li f'dawn il-każijiet il-Qorti tal-Appell tisma' x-xhieda u għalhekk ħafna drabi t-terminu ta' sitt xhur li l-Qorti tal-Appell għandha sabiex tiddeċiedi l-każ jiġi estiż.

Jispjega li s-*sanction letter* li tintbagħat lis-*subject person* ma tiġix ippubblikata u tkun twila u tikkonsisti fi spjegazzjoni tal-*breaches*. Jgħid li tiġi ppublikata *publication notice* fuq il-websajt tal-Korp intimat, liema *notice* tiġi aġġornata jekk kemm -il darba s-*subject person* ikun appella mid-deċiżjoni, li mbagħad tiġi aġġornata bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

Mistoqsi r-raġuni għaliex isiru dawk il-pubblikazzjonijiet, ix-xhud jgħid li kien hemm rakomandazzjoni tal-MoneyVal li l-multi jiġu ppublikati kemm jista' jkun malajr u li tali publikazzjoni ma tiġix affetwatha mill-proċessi tal-Qorti. Jispjega li fil-każ tas-soċjetajiet rikorrenti il-*publication notice* ġiet aġġornata biex tirrifletti l-fatt li hemm appell u għalhekk għadha hekk sa llum.

Jikkonferma li l-pubblikazzjoni trid issir fi żmien ħamest' ijiem mis-*sanctions letter*. Jgħid li f'dan ir-rigward isegwu dokument li jissejjaħ *Publication of Administrative Penalties and Measures, policies and procedures.*

F'ri-eżami jikkonferma li fil-każ tas-soċjetajiet rikorrenti kienu preżenti għal visita kemm rappreżentanti tal-Korp intimat u kemm tal-MFSA.

Jispjega li llum -il ġurnata meta tintbagħat l-ittra bil-ksur potenzjali qed jingħad b'mod iktar ċar li dak li jkun jista' jitlob laqgħa mal-kumitat, iżda dejjem jinsistu dwar ir-rappreżentazzjonijiet bil-miktub.

Jikkonferma li għall-laqgħa li saret sabiex il-kumitat jistablixxi kienx hemm ksur da parti tas-soċjetajiet rikorrenti kienet preżenti l-persuna li ħejjiet ir-rapport minn naħa tas-*supervision*. Jispjega li llum m'għadux jiġri hekk stante li tkun preżenti persuna mis-sezzjoni tal-infurzar biex tagħmel il-presentazzjoni.

Fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet jispjega li hemm kategorija differenti u ċioe` meta l-multa teċċedi l-ħamsin elf Ewro (€50,000) is-*subject person* ikun ippublikat ismu mentri meta tkun inqas ikunu anomini.

Jgħid li d-dokument *Compliance guidelines principles and framework* huwa dokument intern tal-Korp intimat li jiġi ppreżentat lill-Qorti meta jkun hemm appell iżda s-*subject person* ma jkollux kopja tiegħu.

Ix-xhud jikkonferma li meta seħħ il-każ tas-soċjetajiet rikorrenti, ma kinux informati li setgħu jitolbu laqgħa mal-kumitat fl-ebda stadju tal-proċess. Jikkonferma wkoll li meta saru l-linji gwida wara r-rapport tal-MoneyVal ma sar l-ebda analiżi dwar jekk il-proċess u anke l-policies kinux konformi mal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fix-xhieda tagħha, **Daniela Mizzi**, *Manager* fi hdan is-Sezzjoni Infurzar tal-Korp intimat, tikkonferma li hi ħadet il-minuti tal-laqgħat tal-*compliance monitoring* committee fuq riferit. Mistoqsija jekk is-soċjetajiet rikorrenti kinux preżenti għal-laqgħat tal-*compliance monitoring committee* tgħid li le. Tikkonferma li l-uniċi persuni preżenti għal-laqgħat kienu mpjegati tal-Korp intimat. Mistoqsija qabel ma jiltaqa' l-kumitat, x'dokumentazzjoni tiġi mgħoddija lil membri tal-kumitat, tgħid li normalment ikun hemm il-*working paper* li tissejjaħ *CMC report* li tiġi preparata qabel mill-*enforcement officer.* Tispjega li jkun hemm *reviews tar-representations tas-subject person, review tal-findings report* u tas-*supervision* u jinħareġ dan ir-rapport li mbagħad jiġi ppreżentat lill-kumitat li jkollu diskussjonijiet twal u jekk ikun hemm xi ħaġa li mhux ċara, jirreferu għad-dokumenti direttament.

Mistoqsija dwar il-proċess li hi taddotta sabiex tikteb il-minuti tgħid li xogħlha waqt il-laqgħa huwa li ssegwi d-diskussjoni u tieħu n-noti. Tispjega li wara li tintemm il-laqgħa tifformalizza u tiffinalizza l-istess noti u l-iktar important hu li waqt il-laqgħa ħa toħroġ bid-deċiżjoni tal-kumitat u x'ikkunsidra biex wasal għaliha. Tgħid li fil-minuti tagħmel referenza għall-*findings* jew għar-*representations* skont il-każ. Tispjega li l-minuti jiġu ċċirkolati u wara approvati fil-laqgħa li jkun imiss.

Mistoqsija dwar it-tieni laqgħa u ċioe` dik li saret f'Novembru, hi tgħid li dan kien *follow up meeting* fejn ġew diskussi l-penali. Mistoqsija jekk hux normali li jgħaddi tant żmien bejn laqgħa u oħra tgħid li dan jiddependi fuq l-affarijiet urġenti li jinqalgħu fil-frattemp u min-natura tal-każ.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tagħha, ix-xhud ippreżentat is-*CMC Report* (fol 656 sa fol 692) fir-rigward tas-soċjetajiet rikorrenti. Tgħid li l-*compliance visit* saret minn Lora Mifsud bħala *supervisory officer* li xogħola hu li jagħmlu *visit* u jiġu lura u jagħmlu l-*findings*, liema findings jintbagħtu lis-*subject persons* bħala l-ewwel ittra li tinħareġ.

Fix-xhieda tagħha, **Elena Tabone**, *Head Enforcement* tghid li fir-rigward tal-każijiet tas-soċjetajiet rikorrenti, hi kienet membru tal-kumitat u għalhekk kienet preżenti għad-diskussjonijiet. Mistoqsija jekk kinitx involuta sabiex sar ir-rapport tal-*findings* tgħid li le. Tgħid li f'dak l-istadju ikun hemm is-*supervision officers* u kien hemm ukoll involuta l-MFSA minħabba li kienet *joint visit*. Tgħid li l-ewwel darba li rat il-każ odjern kien fil-*compliance monitoring committee*. Tispjega li r-rapport tal-*findings* hi tkun ratu qabel minħabba x-xogħol tagħha fl-infurzar. Tikkonferma li għandha involviment fid-determinazzjoni tal-multa mposta stante li hi membru fil-kumitat.

Tispjega li fl-ewwel rapport li jkun ħareġ lis-soċjetajiet rikorrenti ma jkunx hemm referenza għall-ammont, imma biss il-*findings* u *potential breaches* u għalhekk ma jidħolx fil-mertu ta' hemmx *actual breach* u x'ammont irid jithallas. Tgħid li mbagħad il-kumitat ikollu r-rapport tal-*findings* u r-*representations* u jimxi abbażi tas-*sanctions policy* u timtela s-*sanctions tool* (tip ta' *software)*. Tispjega li s-*sanctions policy* tgħid li għal kull *finding* trid tikkunsidra numru ta' fatturi u għalhekk il-kumitat jibda jdur kull *finding* mar-rapport u r-rappreżentazzjonijiet. F'każ li jiddeċiedu li hemm *breach* tibda' timtela' s-*sanctions tool,* liema *tool* tistabilixxi ammont u l-kumitat imbagħad jara l-ammont huwiex ġustifikat.

Tispjega li fil-każ odjern kien hemm tnaqqis ta' ħamsin fil-mija mill-ammont suġġerit mit-*tool* stante li l-ammont kien jikkonċerna prassi li ż-żewġ kumpanija kellhom minħabba li jaħdmu bl-istess mod u flimkien u għalhekk applikaw il-klawsola tal-*policy* li tgħid li l-multa trid tkun proporzjonata. Tispjega li sabiex jiġi varjat l-ammont irid dejjem ikun hemm raġuni li tiddaħħal fil-minuti. Tispjega li t-*tool* hija mibnija fuq il-*policy* u tiddetermina hi minnha nnifisha kemm hu serju l-ksur. Tgħid li timtela' t-tool mhux proċess awtomatiku għax l-ewwel huwa l-kumitat li jrid jara x'livell ta' serjeta` hemm għax l-istess kumitat irid ikun ċert mill-*breach*. Tikkonferma li t-*tool* timtela' waqt il-laqgħa stess.

Mistoqsija jekk it-*tool* intużatx fl-ewwel jew it-tieni laqgħa, tgħid li ntużat fit-tnejn għax fl-ewwel laqgħa sabu l-ammont imbagħad fit-tieni laqgħa aġġustawh. Tikkonferma li s-*sanctions tool* ma tgħaddix għand *is-subject person* u għalhekk ma jistgħux jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwarhom.

In kontro-eżami, hi tikkonferma li l-Korp intimat ma jagħmilx investigazzjoni iżda tagħmel *reviews* u *inspections* sabiex tistabilixxi li qed jimxu skond ir-regolari tal-FTR u kontra l-ħasil ta' flus u ċioe` *compliance review* regolatorja.

Tispjega li meta jkun ser isir *review* dan jibda billi s-*supervision* jibgħatu ittra lis-soċjeta' kkonċernata li taghha ikun ser issir *review* u titlob numru ta' dokumenti u affarijiet. Tgħid li mbagħad titlob numru ta' fajls ħalli jirrivedu kif kumpanija qed tħaddem *risk assessment, customer risk assessment, manual*s u dak kollu li tuża' l-kumpanija biex taderixxi għall-obbligi tagħha kontra l-ħasil ta' flus u tara numru ta' fajls sabiex tara kif dan qed jiġi applikat. Minn hemmhekk joħroġ rapport ta' *findings* u *potential breaches* u tgħaddi dik l-informazzjoni lis-*subject person*. Tispjega li sa dak il-punt la l-kumitat u lanqas is-sezzjoni tal-infurzar ma jkunu involuti. Tgħid li r-rapport jista' jkun wieħed li jindika li kollox huwa sew jew li jkun hemm suġġerimenti żgħar dwar x'wieħed jista' jagħmel aħjar.

Tgħid li darba li jkun ntbagħat ir-rapport, is-*subject person* jingħata l-opportunita` li jwieġeb għal *findings* u fejn ma jaqbilx jagħti r-raġunijiet tiegħu għal dan u jagħti evidenza. Tispjega li f'dak il-mument ir-rapport ikun għadda għand is-sezzjoni tal-infurzar. Tgħid li mbagħad dik is-sezzjoni tikkompila kollox u tivverifika li r-rapport huwa wieħed korrett u tipprepara kollox għal quddiem il-kumitat. Tikkjarifika li kull rapport irid jitla' quddiem il-kumitat u huwa l-istess kumitat biss li jieħu d-deċiżjoni. Tikkonferma li uffiċjali li jaħdmu fis-*supervision* ma jistghux jagħmlu xogħol t'infurzar u viċe-versa. Tgħid li mhux neċessarjament li dak li hemm fir-rapport ser jiġi kkonfermat mill-kumitat.

Mistoqsija fil-każ tas-soċjetajiet rikorrenti kienx hemm fejn il-kumitat ma qabilx mal-*findings* tgħid li kien hemm fejn l-istess kumitat ta raġun lis-*subject persons*.

Tikkonferma li hi kienet parti mill-kumitat fil-każ tas-soċjetajiet rikorrenti u flimkien magħha kien hemm ic-Chairman Alfred Zammit u Dr Jonathan Phyall mis-sezzjoni legali. Tikkonferma li ħadd ma kien ġej mis-*supervisory section*.

Mistoqsija dwar is-*sanctions policy*, tgħid li din saret meta fl-2018 kien hemm ksur tal-liġi Ewropea mill-Korp intimat minħabba każ partikolari u b'hekk l-Korp kien beda proċess mal-Kummissajoni biex itejjeb u ssaħħaħ il-proċeduri taghha. Tispjega li t-*tool* kien imbagħad parti mir-review fuq il-pajjiż minn naħa tal-MoneyVal u l-FATF li wkoll ġew reviewed. Tispjega li t-tool tagħti gwida sabiex l-kumitat jasal għal multa iżda dan jimtela biss wara li l-kumitat ikun iddiskuta l-*finding.* Tgħid li din hija għodda interna u lanqas is-*subject person* ma jkun jaf biha. Tikkonferma li minkejja dak suġġerit mit-*tool* l-kumitat jista xorta jvarja l-multa skont il-każ basta jkun in linea mal-liġi.

Ix-xhud tat spjegazzjoni dettaljata lil din il-Qorti dwar kif taħdem it-*tool*.

Tispjega li wara li tittieħed deċiżjoni, din tiġi kkomunikata lis-*subject persons* fejn jiġi spjegat dak li l-kumitat jkun ikkunsidra biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Tispjega li l-ittra tkun tindika wkoll li wieħed jista' jappella quddiem il-Qorti tal-Appell.

Tikkjarifika li dak li hu kriminali ma jaqax fil-mansjoni tal-Korp intimat, iżda huwa jara biss dak li hu *systematic concern*.

Mistoqsija dwar is-CMC Report, hi tgħid li dan huwa biex jgħin lill-uffiċjal jressaq il-każ quddiem il-kumitat, li jiġi magħmul mis-sezzjoni tal-infurzar iżda mhuwiex dokumenti li l-kumitat joqgħod fuqu. Tispeċifika li l-kumitat joqgħod fuq ir-rapport, l-evidenza li tkun nġabret u r-rappreżentazzjonijiet li jintbagħtu mis-*subject person*. Tgħid li l-proċedura kollha ġiet approvata mill-Kummissjoni Ewropea u l-European Banking Authority.

Tispjega li meta seħħ il-każ odjern, hi kienet għadha tapplika l-proċedura l-antika fejn il-każ kien ippreżentat lill-kumitat mis-*supervision*. Tgħid li dak iż-żmien is-sezzjoni tal-infurzar kienet għadha ma teżistix. Tispjega li dan seħħ minħabba li l-Korp intimat beda jikber u kien hemm bżonn li jkun hemm sezzjoni li tieħu ħsieb aktar fejn tidħol il-liġi. Tgħid li din il-bidla seħħet bejn l-ewwel laqgħa u t-tieni laqgħa tal-kumitat li kienu jikkonċernaw lis-soċjetajiet rikorrenti u filfatt fit-tieni laqgħa kienet ċerta Martha mis-sezzjoni tal-infurzar li ppreżentat il-każ.

Mistoqsija jekk hi tkunx diġa` ħadet konoxxenza tal-każ minħabba li jitressaq mis-sezzjoni tal-infurzar, tgħid li l-ittra tkun ratha, filwaqt illi tikkonferma li s-*sanctions policy* mhix dokument pubbliku.

Fix-xhieda tiegħu, l-**Avukat Adrian Muscat Azzopardi** jgħid li hu direttur tas-soċjetajiet rikorrenti. Jispjega li Credence Fiduciary hija *licensed trust fiduciary* u ċioe` tippresta servizzi li huma relatati mal-liċenzja. Jgħid li huwa kollu *relevant activity*. Jgħid li mill-kontijiet annwali jirriżulta li għamlet ċirka mitejn u erbat'elef Ewro

(€204,000) fl-2017, mitejn u tmintax -il elf Ewro (€218,000) fl-2018 u mija u ħamsa u disgħin elf Ewro (€195,000) fis-sena 2019.

Fir-rigward tas-soċjeta' Credence Corporate and Advisory Services Limited jgħid li taghti servizzi li mhumiex *relevant activity*. Jgħid li ċirka bejn tletin u tlieta u tletin fil-mija (30-33%) tal-attivita tagħha hija *relevant activity* u għalhekk id-dħul tar-*relevant activity* huwa fil-minoranza.

Fl-affidavit tiegħu jispjega li Credence Corporate and Advisory Services hija kumpanija liċenzjata biex tippresta servizzi bħala *company service provider* ai termini tal-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta iżda tippresta ukoll servizzi mhux liċenzjabli li flimkien jagħmlu l-maġġoranza tas-servizzi. Jispjega li d-dħul ġenerat mis-servizzi liċenzjabli għas-sena 2017 kienu jammonta għal miljun u għaxart elef, erba' mija u ħames Ewro (€1,010.405), għas-sena 2018 kien jammonta għal tmien mija u disgħa u sebgħin elf u dsatax -il Ewro (€879,019) u għas-sena 2019 kien jammonta għal tmien mija u ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tmienja u sittin Ewro (€825,368).

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**Ir-rikorrenti,** fis-sottomissjonijiet tagħhom, jibdew billi jindirizzaw l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati. L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet jittrattaw il-fatt li s-soċjetajiet rikorrenti ressqu azzjoni waħda għaż-żewġ kumpaniji u f'dan ir-rigward il-Korp intimat jikkontendi li l-kawża hija (a) irritwali u mhux skont l-Artikolu 161(3) tal-Kap 12 u r-Regolament 7 tal-L.S. 12.09 u (b) hemm difett ta' interess ġuridiku stante li kull kumpanija qed tattakka żewġ deċiżjonijiet tal-Korp meta kull kumpanija tikkonċernaha deċiżjoni waħda biss.

Isostnu li l-eċċezzjonijiet ifallu u dana stante li l-kawża tikkonċerna talbiet identiċi taż-żewġ kumpaniji sabiex il-Qorti tiddikjara li numru ta' disposizzjonijiet fl-Att u r-Regolamenti jilledu d-dritt ta' smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni u għalhekk ma tirrigwardax il-mertu ta' kull deċiżjoni. Oltre` minn hekk, iż-żewġ soċjetajiet rikorrenti jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' kumpaniji, l-investigazzjoni *de quo* saret f'daqqa, il-proċess sakemm ittieħdu d-deċiżjonijiet kien wieħed, anke il-Korp intimat innifsu ra l-konnessjoni bejn iż-żewġ soċjetajiet u kull seduta li saret quddiem il-Qorti kif ukoll kull prova u xhieda kienet rilevanti għaż-żewġ soċjetajiet. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Hotel Cerviola Limited u Marsascla Holiday Complex Limited vs Malta Shipyards** deċiża fit-23 ta' Settembru 2009. Barra minn hekk, jgħidu li l-Qorti għandha s-setgħa li tirrimedja s-sitwazzjoni jekk tkun tal-fehma li r-rekwiżiti tal-Art 161(3) ma kienx sodisfat u ċioe` tramite l-artikoli 161(4) u 161(5). Għalhekk jikkontendu li l-eċċezzjoni f'dan ir-rigward għandha tiġi miċħuda. Isostnu li bl-istess mod għandha tiġi miċħuda wkoll it-tieni eċċezzjoni għax anke jekk ikun il-każ li l-Qorti tordna li l-kawżi jinfirdu, l-interess ġuridiku ta' kull soċjeta' ikun jissussisti.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni li s-soċjetajiet rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinjarji tagħhom stante li l-Appell mid-deċiżjonijiet tal-Korp Intimat għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), isostnu li tali appell ma joffrix rimedju xieraq u effettiv għall-lanjanzi kostituzzjonali odjerni. Isostnu li l-lanjanzi kostituzzjonali tas-soċjetajiet rikorrenti jmorru oltre` mis-sempliċi kontestazzjoni tal-multi - iżda qed jikkontestaw l-validita` tal-liġi kif ukoll il-proċess investigattiv li permezz tiegħu nħarġu l-multi 'amministrattivi' fl-intier tiegħu, u għalhekk ir-rimedji mitluba ma jistgħu qatt jingħataw permezz ta' rimedju ordinarju. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et** deċiża fit-3 ta' Mejju 2016, kif ukoll **Inginia Cards Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' informazzjoni finanzjarja et** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021. Jikkontendu għalhekk, li din l-eċċezzjoni wkoll għandha tiġi miċħuda.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni li l-Korp intimat mhux il-leġittimu kontradittur, jgħidu li din il-kawża mhix biss waħda li qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita` tal-liġi iżda hija waħda li titlob lil din il-Qorti tissindika l-kompożizzjoni tal-Korp kif ukoll l-aġir tiegħu. Isostnu li anke kienu l-kwistjoni kienet tiċċentra purament dwar il-validita` tal-liġi, l-Korp xorta kien ikun leġittimu kontradittur stante li l-kawża titratta propju d-deċiżjonijiet tiegħu. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Michael Farrugia et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2020.

Fil-mertu, jibdew billi jsostnu li l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Kap kriminali tal-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni huma applikabbli għall-ilment odjern. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Jussila vs Finland** deċiża fit-23 ta' Novembru 2006, kif ukoll **Engel & Others vs the Netherlands** deċiża fit-8 ta' Ġunju 1976, fejn il-Qorti Ewropea ssottolinjat li l-kriterji li Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha jew proċeduri humiex ta' natura ċivili jew kriminali huma:

i. Il-klassifikazzjoni taħt il-liġi domestika
ii. In-natura tar-reat
iii. Is-severita` tal-piena

bit-tieni u t-tielet kriterju jkunu alternattivi u mhux kumulattivi.

Ir-rikorrenti jiċċitaw numru ta' deċiżjonijiet[24] fejn il-Qrati nostrani applikaw dawn il-kriterji u fejn l-eżitu kien li tali multi huma ta' natura kriminali. Isostnu għalhekk li għalkemm il-multa hi kklassifikata bħala piena ta' natura amministrattiva, fir-realta` n-natura tal-offiża, kif ukoll is-severita` tal-piena, jagħtu lill-offiża xejra għal kollox diversa mill-klassifikazzjoni ndikata fil-liġi u għalhekk għandhom jitqiesu bħala proċeduri ta' natura kriminali.

Dwar il-ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti jsostnu li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha titressaq quddiem qorti. Jagħmlu referenza għad-deċiżjonijiet fuq ċitata fejn din il-Qorti, diversament

[24] **Federation of Estate Agents vs DG (Kompetizzjoni) et, Rosette Thake et vs Kummissjoni Elettorali et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' April 2018, **Lombard Bank Malta plc vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et.** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)

preseduta, kkonfermat proprju dan u għal din ir-raġuni biss, jirriżulta li l-Att u r-Regolamenti in kwistjoni huma leżivi tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni stante li l-proċeduri ta' investigazzjoni, sejbien ta' ksur u impożizzjoni tal-multa huma proċeduri ta' natura penali li f'dan il-kaz, ma jsirux quddiem Qorti.

Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrenti jgħidu li għalkemm id-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma differenti minn dawk tal-Artikolu 39(1), xorta jikkontendu li l-liġi u r-regolament *de quo* huma leżivi tal-istess u dana stante, primarjament in-nuqqas ta' indipendenza u n-nuqqas ta' imparzjalita` li għandu l-bord, ukoll isostnu li l-Korp innifsu huwa ffinanzjat mill-multi u għalhekk għandhom interess dirett li jimmultaw lill-persuni soġġetti sabiex il-Korp ikompli jopera. Ulterjorment, isostnu illi l-Bord huwa maħtur mill-Ministru u mħallas mill-istess Ministeru, il-*compliance monitoring committee* huwa magħmul minn impjegati tal-Korp stess u għalhekk ma jistghax jingħad li hu imparzjali, l-istess kumitat ma jiltaqax bil-miftuħ meta tiġi diskussa l-piena, l-ebda entita` pubblika ma tista' taġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni fuq ċitata **Insigna.**

Oltre` minn hekk, jikkontendu li d-dritt t'Appell mogħti lis-soċjetajiet rikorrenti skont l-Att mhuwiex biżżejjed sabiex jipproteġi, jissalvagwardja u jissodisfa d-dritt ta' smigħ xieraq u dana stante li ma tirriżultax il-possibilita` ta' Qorti li b'mod sħiħ tista' tikkonsidra u tiddetermina l-akkużi kriminali. Isostnu dan minħabba l-fatt li l-proċedura tal-appell kif regolat mill-Kap 12 hija stretta u ma tixbaħx il-proċeduri tal-Prim' Istanza f'dak li għandu x'jaqsam ma' produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet, il-proċeduri bil-miktub fl-appell jingħalqu mal-preżentata tar-rikors tal-appell u r-risposta, kull dokument relevanti għandu jiġi mehmuż f'dak l-istadju, bħala regola ma jinġibux xhieda, fil-proċedura tal-appell tkun l-appellanta li trid tipprova l-innoċenza tagħha, il-Qorti tal-Appell hija min-natura tagħha Qorti ta' reviżjoni u l-proċeduri quddiema huma normalment qosra. Isostnu li anke kieku kellha l-Qorti tal-Appell tmur għall-proċedura straodinarja u tisma' x-xhieda u l-każ kollu, mhix il-Qorti tal-Appell li għandha tipprovdi din l-opportunita` iżda din għandha tkun dritt li jemerġi mil-liġi. Jikkontendu li dan ukoll ġie kkonfermat fid-deċiżjoni fuq ċitata **Insignia.**

Isostnu li hemm elementi oħra fil-liġi li jwasslu sabiex f'dan il-każ ma hemm l-ebda parita` tal-armi, kemm fl-istadju investigattiv kif ukoll fl-istadju ta' wara. Jikkontendu li l-fatt li persuna soġġetta m'għandhiex għażla dwar liema informazzjoni tagħti, u jekk ma tagħtix l-informazzjoni mitluba hija soġġetta għall-multa, iwassal sabiex persuna tiġi mġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista` twasslha biex tinkrimina ruħha. Oltre` minn hekk, dan in-nuqqas japplika wkoll fir-rigward tat-termini mposti fejn il-korp intimat għandu diskrezzjoni assoluta fir-rigward tat-termini tiegħu meta jwettaq investigazzjoni, kemm jista' jdum jinvestiga biex jikkonkludi rapport u jagħti deċiżjoni, mentri l-persuna soġġetta hija marbuta bit-termini imposti mill-istess Korp.

Jgħidu li l-proċess ta' *compliance review* addottat mill-Korp jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti minn l-Artikolu 39(6)(a) u 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6.3(a) u 6.3(b) tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi nformat bil-miktub b'mod li jifhem l-akkużi kontrih u jingħata faċilita` xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu. Isostnu li dan japplika wkoll waqt investigazzjoni. F'dan ir-rigward il-Korp intimat ma nfurmax lis-soċjetajiet rikorrenti dwar l-ammonti ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u

għalhekk ma kinux konsapevoli tan-natura tal-gravita` tal-akkużi fil-konfront tagħhom u għalhekk ma kienux f'posizzjoni li jiddefendu ruħhom.

Dwar il-prinċipju *nullum crimen nulla poena sine lege* isostnu li l-liġi mhix ċara fir-rigward tal-obbligi legali fuq il-persuni suġġetti bil-konsegwenza li l-prattiċi adoperati mill-Korp wasslu għal penali li kienu inkompatibbli mal-qafas legali u għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala liġi. Il-Korp intimat ħoloq dokument tal-*implementing procedures* iżda jikkontendu li dan ukoll huwa suġġettiv immens. Jikkontendu li l-Korp intimat qed jagħti interpretazzjoni suġġettiva u jsib ksur tal-Att abbażi ta' aspettativi li mhumiex qegħdin miktubin fil-liġi u dan bi preġudizzju għall-persuni soġġetti

## Ikkunsidrat ulterjorment

Il-**Korp intimat,** minn naħa tiegħu, fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu jgħid li la darba iż-żewġ kumpaniji rikorrenti huma żewġ persuni soġġetti separati u kull proċedura fil-konfront tagħhom kienet separata ma jinsabux sodisfatti l-kriterji biex ir-rikorrenti setgħu iġibu l-kawżi tagħhom flimkien b'rikors wieħed ai termini tal-Artikolu 161(3) tal-Kap 12 u nuqqas f'dan is-sens iġib in-nullita` tar-rikors promotur. In sostenn ta' dan jagħmlu referenza għad-deċiżi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Micallef et vs Trusted Limited et** deċiża fit-12 ta' Ġunju 2012.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tiegħu u ċioe` in-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti jsostni li la darba din hija azzjoni mressqa ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li jintwera li kull parti għandha interess personali fil-kawża. Jikkontendi li s-soċjetajiet rikorrenti m'għandhom l-ebda interess ġuridiku fl-ilmenti ta' xulxin u s-soċjetajiet rikorrenti għażlu li jintavolaw kawża waħda u t-talbiet huma tali ma jagħmlu ebda distinzjoni bejn iż-żewġ soċjetajiet rikorrenti billi iż-żewġ kumpaniji flimkien qed jattakkaw iż-żewġ deċiżjonijiet u ż-żewġ proċessi.

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni mressqa minnu u ċioe` li s-soċjetajiet rikorrenti kellhom rimedju ordinarju disponibbli għalihom, jgħid li s-soċjetajiet rikorrenti diġa intavolaw appelli separati a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373, liema appelli għadhom pendenti. Isostni li tali appell huwa wieħed sħiħ u jikkostitwixxi rimedju effettiv. Jikkontendi li la darba s-soċjetajiet rikorrenti intavolaw l-appell tagħhom u ċioe` irrikorrew għar-rimedju ordinarju, ma jistgħux fl-istess waqt jgħidu illi ma hemm ebda rimedju skont il-liġi. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **MPM Capital Investments Limited vs Korp għall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** deċiża fil-15 ta' Novembru 2021. Jgħid li f'dan il-każ b'kuntrast ma' każijiet oħra ċitati mis-soċjetajiet rikorrenti, il-Qorti kienet semgħet il-provi kollha u għażlet li tiddeferixxi s-sentenza tagħha sakemm ikun deċiż l-Appell.

B'żieda ma dan, fir-raba` eċċezzjoni tiegħu jsostni li l-azzjoni hija waħda intempestiva u dana stante li d-deċiżjoni tal-Korp intimat għadha mhix finali. Jikkontendi li għalhekk il-Qorti ċertament li ma tistax tqis il-proċeduri fil-kompletezza tagħhom kif inhu rikjest meta Qorti teżamina l-kwistjoni ta' smigħ xieraq. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **David sive David Norbert Schembri vs Avukat Ġenerali** deċiża fil-25 ta' Marzu 2011,

**Morgan Eli Egbomon vs Avukat Ġenerali** deċiża fis-16 ta' Marzu 2011 u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Brian Vella vs l-Avukat Ġeneral et.** Isostni li t-talbiet rikorrenti mhumiex distinti mid-deċiżjonijiet tal-korp stante li l-lanjanza titwieled minn dawk id-deċiżjonijiet u dawk it-talbiet li ma jattakkawx id-deċiżjonijiet direttament huma ançillari għaliex jattakkaw il-proċess u l-istruttura legali li wasslet għal dawk l-istess deċiżjonijiet. Jikkontendi li għad hemm proċediment ta' natura ordinarja fejn ir-rikorrenti għadhom fiċ-ċans li jottjenu rimedju li jindirizza l-ilmenti tagħhom u b'hekk ma jkunx għad baqa' lok għal indaġini kostituzzjonali billi r-rikorrenti ma jibqalhomx interess ġuridiku.

Fil-ħames eċċezzjoni tiegħu jinsisti li l-Korp intimat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dana stante li l-Korp huwa biss regolatur u mhux leġislatur li għandu xi kontroll fuq il-liġi promulgata u għalhekk ma jistax jinżamm responsabbli għall-liġi kif tinsab fis-seħħ.

Fil-mertu jinsisti li l-korp jagħmel biss determinazzjonijiet amminsitrattivi u jimponi sanzjonijiet ta' natura amministrattiva u għalhekk il-garanzija tad-dritt kriminal ma jsibu ebda applikazzjoni fil-każ odjern. Jispjega li r-regolamenti jittrasponu d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u l-obbligi li joħorġu mir-regolament huwa min-natura tagħhom regolatorji u jorbtu biss lil minn jikkwalifika bħala Persuna Suġġetta. Jgħid li s-sanzjonijiet għall-ksur tal-istess obbligi joħorġu mill-istess direttiva li tikklassifikahom bħala sanzjonijiet amministrattivi u dan irrelevanti mill-*quantum* tal-istess sanzjonijiet.

Jemfasizza li każistika Ewropea m'għandhiex tintuża fl-ambitu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dana stante li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjonu u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhumiex identiċi. Għalhekk isostni li fejn jidħol l-artikolu 39 wieħed għandu jistrieħ biss fuq dak li tgħid il-liġi Maltija u f'dan il-każ is-sanzjonijiet huma ta' natura amministrattiva. Oltre` minn hekk, jgħid li l-applikazzjoni tal-Engel Criteria xorta m'għandhiex twassal għall-klassifikazzjoni penali fil-każ odjern u dana stante li primarjament l-artikolu 13(2) tal-Kap 373 u r-Regolament 21 espressament jirreferu għal pieni amministrattivi u t-tieni nett wieħed mill-fatturi determinanti huwa jekk l-obbligu vjolat jorbotx fuq il-pubbliku b'mod ġenerali u f'dan il-każ jorbtu biss lill-persuni suġġetti. Għalhekk jgħid li wieħed ma jistax jippretendi li r-riklassifikazzjoni tal-proċeduri ssir biss abbażi tal-*quantum* tas-sanzjoni li tista' tiġi mposta, liema *quantum* irid jitqies fil-kuntest li qed jintuża. Oltre` minn hekk la jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet fuq il-liberta` tal-persuna u lanqas ma jiġu riflessi fil-fedina penali ta' persuna u għalhekk jistgħu jkunu komprabbli biss mal-kamp ċivili.

Isostni li anke jekk għall-grazzja tal-argument il-proċedura odjerna tiġi kklassifikata bħala kriminali, b'referenza għad-deċiżjoni fuq ċitata **Jussila vs Finland**, jgħid li mhumiex każijiet li tradizzjonalment jaqgħu fil-kategorija kriminali u għalhekk l-artikolu 6 ma japplikax għalihom.

Jissottometti li d-dritt t'appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 huwa wieħed sħiħ u mingħajr restrizzjonijiet u għalhekk isegwi li għandha l-poter li teżamina l-eżeċizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-

ismijiet **Janosevic vs Sweden**[25] tgħid illi deċiżjoni meħuda minn awtorita` amministrattiva li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 6(1) tal-Kovenzjoni, xorta waħda titqies bħala konformi sakemm tali deċiżjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju sħiħ. Jispjega li jidher ċar mid-deċiżjonijiet tal-istess Qorti tal-Appell illi l-preokkupazzjoniet tar-rikorrenti rigward l-allegati restrizzjonijiet fl-appell huma nfondati u dana stante li l-imsemmija Qorti regolarment tisma' l-provi, regolarment testendi t-terminu sabiex tisma' l-appell, tikkonsidra u tiddeċiedi aggravji dwar l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva tal-Korp, fejn jidhrilha xieraq issib illi l-piena amministrattiva mhijiex waħda proporzjonata u tnaqqas l-istess għal ammont li jidhrilha li huwa aktar xieraq fiċ-ċirkostanzi. Isostni li l-lanjanzi tas-soċjetajiet rikorrenti fir-rigward tal-appell huma bbażati fuq assunzjonijiet stante li kienu huma stess li talbu sabiex il-proċess ma jkomplix qabel tiġi deċiża din il-vertenza, u b'hekk ma jistgħux jilmentaw minn issa li l-proċess mhux wieħed xieraq.

Jgħid li l-korp intimat għandu struttura li tiggarantixxi proċess ġust li hu ndipendenti u mparzjali u dana stante li l-persuni li jagħmlu l-eżami tal-operat huma distinti minn dak li eventwalment jieħdu d-deċiżjoni. Oltre` minn hekk l-obbligu tal-Korp intimat li jissorvelja l-konformita` tal-persuni soġġetti joħroġ mill-Artikoli 16, 26 u 30A tal-Kap 373 li bl-ebda mod m'huma jiġu kkontestati u għalhekk la darba dawn ma jistgħux jiġu ddikjarati leżivi lanqas ma jista' jiġi ddikjarat leżiv l-aġir magħmul taħthom.

Oltre' minn hekk, jispjega li l-poter tal-Korp li jitlob informazzjoni u dokumenti mingħand il-persuni suġġetti huwa *in linea* mal-artikolu 48 tad-Direttiva 2015/849, liema artikolu wkoll jimponi l-obbligu fuq il-persuni suġġetti li jkun soġġetti għal superviżjoni adegwata inkluż bis-setgħat li ssir superviżjoni, u għalhekk il-*compliance review* li sar fuq is-soċjetajiet rikorrenti kien magħmul in sodisfazzjoni ta' dan l-obbligu.

Jispjega li mhux minnu li l-istess persuna qed jagħmluha ta' prosekuzzjoni, ġurija u imħallef għax il-proċess kif spjegat fit-tul fis-sottomissjonijiet tal-istess Korp jiżgura procċess ġust fejn min jagħmel l-eżami inizzjali ma jkunx l-istess persuna li jiddeċiedi dwar jekk kienx hemm ksur jew le jew dwar is-sanzjoni li għandha tiġi mposta. Jgħidu li dan huwa l-proċess li ntuża fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti li ma lmentaw bl-ebda mod li l-Korp mexa magħhom b'xi mod differenti milli jimxi ma' ħaddieħor.

Isostni li l-persuna suġġetta għandha l-opportunita` wkoll li tiddefendi ruħha b'mod effettiv u dana stante li tiġi avżata bil-vista minn qabel, il-*compliance review* issir bil-parteċipazzjoni tal-persuna suġġetta u jsiru wkoll laqgħat mal-istess jekk ikun il-bżonn, wara tiġi notifikata bil-*potential breaches letter* li tipprovdi d-dettal u l-informazzjoni sħiħa u tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha. Għalhekk jissottometti li r-rikorrenti ma jistgħux jgħidu li m'għandhomx aċċess għall-konsiderazzjonijiet tal-Korp li wasslu għad-deċiżjonijiet tiegħu stante li l-konsiderazzjonijiet preliminari ġew ikkomunikati fl-intier tagħhom u meta l-Korp bagħat id-deċiżjonijiet tiegħu dawn kienu daqstant ieħor dettaljati u jikkontjenu l-konsiderazzjonijiet kollha tal-Korp, inluż referenza għar-rappreżentazzjonijiet tar-rikorrenti.

---

[25] Issir referenza wkoll għal **Bendenoun vs France** u **A Menarini Diagnostics S.R.L. vs Italy**

Jissottometti li mbagħad ai termini tal-artikolu 13C tal-Kap 373, il-Korp intimat għandu l-obbligu li jippubblika l-pieni amministrattivi mposti minnu, kif ukoll aġġornamenti dwar jekk dan ġiex appellat, kif fil-fatt għamel fil-każ odjern. F'dan ir-rigward jgħid li s-soċjetajiet rikorrenti ma wrew bl-ebda mod kif tali pubblikazzjoni hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Jirrespinġi għal kollox l-allegazzjoni rikorrenti li l-Korp għandu interess li jimponi sanzjonijiet minħabba allegat gwadann finanzjarju stante li l-Korp huwa aġenzija mwaqqfa bil-liġi u mhux xi kumpanija li topera għall-profit, stante li dan jopera biss bil-baġit allokat. Oltre` minn hekk, isostni li l-fatt li l-membri tal-kumitat huma mpjegati tal-Korp ma jibdel xejn stante li l-Korp m'għandux interess naħa jew oħra stante li l-funzjonijiet tiegħu huma stabbiliti bil-liġi u dak huwa l-unika interess li jista' jkollu.

Fir-rigward tal-argument rikorrenti dwar il-parita` tal-armi, jgħid li l-lanjanza tar-rikorrenti titnissel mill-poteri tal-Korp skont l-artikolu 26(2) u l-artikolu 30A tal-Kap 373 li l-istess rikorrenti ma ressqu ebda talba fir-rigward u għalhekk ma jistgħux jippretendu li din il-Qorti għandha tesprimi ruħha dwar dan.

Isostni li l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni jipprova għax-xenarju fejn ikun l-imputat li jressaq il-provi ta' konformita` u jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux** deċiża fl-1 ta' April 2015. Jgħid li dan ix-xenarju huwa wieħed fil-qasam regolatorju li min-natura tiegħu huwa bbażat fuq il-prova ta' konformita` u għalhekk m'hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet rikorrenti jekk tkun mitluba ġġib tali prova.

Jgħid li lanqas ma hemm nuqqas fil-parita` tal-armi fl-istadju tal-*potential breaches letter* stante li din hi mgħammra bl-inqas dettal u l-persuna soġġetta għandha d-dritt li twieġeb għal dak kollu li jkun hemm fiha qabel tittieħed deċiżjoni. Jispjega li l-proċess bil-miktub huwa perfettament in linea mad-drittijiet fondamentali tant li anke fil-Qorti tal-Appell, il-partijiet jistrieħu fuq l-atti miktuba. Oltre` minn hekk, lanqas hemm nuqqas ta' parita` ta' armi fit-termini stipulati u barra minn hekk is-soċjetajiet rikorrenti mhumiex jikkontestaw l-artikolu 26(2) tal-Kap 373 minn fejn jiġu stabbiliti.

Jissottometti li m'hemm ebda ksur tal-artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni stante li l-ewwel u qabel kollox dawn jittrattaw dwar proċeduri penali li mhumiex applikabbli għall-każ odjern. Jgħid li s-superviżjoni regolatorja mhix intiża biex tinvestiga suspett ta' ksur ta' liġi iżda sabiex jiġi eżaminat il-konformita' tal-Peruna Suġġetta mal-obbligi tagħha u b'hekk fil-bidu tal-proċess ma trid tingħata ebda informazzjoni għajr milli ħa ssir *compliance review*. Jgħid li mbagħad meta deher li seta' kien hemm ksur ta' liġi, il-kumpaniji rikorrenti ġew informati u kellhom l-opportunita` li jiddefendu ruħhom. Jispjega li ma kienx hemm il-ħtieġa li f'dak l-istadju jiġu ndikati l-pieni stante li s-sanzjonijiet jiġu diskussi biss jekk jinsab li vera hemm ksur u l-istess sanzjonijiet joħorġu mil-liġi li kienet ċertament disponibbli għas-soċjetajiet rikorrenti.

Fir-rigward tal-prinċipju *nullum crimen nulla poena sine lege* jgħid li l-garanziji sanċiti bl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huma applikabbli esklussivament għall-kamp penali u għalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-każ odjern. Oltre` minn hekk jgħid, li r-rikorrenti ma jidentifikawx dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi li skonthom huma leżivi u huwa obbligu tagħhom li jagħmlu propju dan.

Isostni li mhux minnu li l-obbligi li nstab ksur tagħhom ma jirriżultawx mil-liġi u li s-sanzjonijiet imposti ma joħorġux mil-liġi u dan stante li l-*implementing procedures* jipprovdu l-qafas legali tal-obbligi kif joħorġu mid-Diretturiva 2015/849 u għalhekk mhumiex sempliċi linja gwida, l-istess *implementing procedures* jipprovdu kjarament dak li huwa mistenni mill-persuna suġġetta, u jekk kemm -il darba wieħed ma jaqbilx dwar dan huwa l-kompitu tal-Qorti tal-Appell li tistħarġu, l-publikazzjoni ta' linja gwidi tal-Korp ma jistgħux jiġu kostruwiti bħala xi prova ta' nuqqas ta' kjarezza, s-sanzjonijiet imposti joħorġu mil-liġi, s-*sanctions tools* mhu xejn għajr strument intern u d-deċiżjoni aħħarija hija tal-kumitat, il-poter tas-sanzjonar huwa stabbilit bir-regolament 21.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**

Minn naħa tiegħu, **l-Avukat tal-Istat** jissottometti li l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva u fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti kellhom u għad għandhom għad-disposizzjoni tagħhom rimedju ordinarju. Jgħid li l-partikolarita` ta' proċeduri kostituzzjonali ħafna drabi qed tiġi sottovalutata.

Jispjega li f'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qed jilmentaw mill-proċedura li timponi fuqhom multa amministrattiva, liema multa għadha qiegħda tiġi kkontestata. Jgħid li jqis li mhux korrett li f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhomx rimedju xieraq meta l-appell għadu lanqas ġie deċiż. Isostni li l-interess ġuridiku tas-soċjetajiet rikorrenti jista' saħansitra jispiċċa jekk kemm -il darba l-Appell jiġi deċiż favur is-soċjetajiet rikorrenti. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament presduta, fl-ismijiet **MPM Capital Investments Limited vs Avukat tal-Istat** deċiża fil-15 ta' Novembru 2021. Jelenka numru ta' deċiżjonijiet fejn Qrati Kostituzzjonali rrifjutaw li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom stante in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju partikolarment id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **It-Tabib Joseph Ferriggi et vs L-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-30 ta' Novembru 2023.

Oltre` minn hekk, isostni li d-dritt għal smigħ xieraq għandu dejjem jiġi eżaminat fil-kuntest tat-totalita` tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku u in sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Zarb vs Ministru għall-Ġustizzja** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2022. Isostni li dan huwa minnu wkoll fil-kuntest tal-Qorti Ewropea u in sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet fl-ismijiet **Martin Dimech v Malta** deċiża fit-2 ta' April 2015, **Tyrone Fenech et v Malta** deċiża fil-5 ta' Jannar 2016, **Grande Stevens et vs Italy** deċiża fis-7 ta' Lulju 2014 u **Affaire A. Menarini Diagnostics S.R.L. vs Italie** deċiża fis-27 ta' Diċembru 2011.

Jissottometti li li l-artikolu 39(1) huwa inapplikabbli għall-proċeduri odjerni stante li l-ilmenti tal-kumpaniji rikorrenti ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali u fil-fatt il-liġi u r-regolament li qed jiġu attakkati ma jwasslux għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Isostni li l-penali mposti saru bl-intiża li jikkumbattu l-periklu tal-ħasil tal-flus u b'hekk iridu jkunu tali li jservu bħala deterrent, iżda dan waħdu ma jagħmilhomx ta' natura kriminali. Jikkontendi li fil-fatt huwa l-Kap 373 innifsu li jiddistingwi minn dak li huwa ta' natura kriminali li jiġi mmexxi mill-Pulizija u dak li hu ta' natura amministrattiva u jitmexxa mill-Korp innifsu, u hija l-istess liġi

stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Oltre` minn hekk, jispjega li l-artikolu 13B tal-Kap 373 jgħid li tali multa mposta tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għalhekk isostni li jekk kemm -il darba kienet ta' natura kriminali kienet tkun tista' tiġi konvertita f'ħabs u mhux titqies bħala dejn ċivili. Oltre` minn hekk, jgħid li l-appell innifsu jitmexxa mill-Qrati Ċivili u mhux dawk kriminali. Jgħid li mhuwiex l-ammont tal-multa li għandu jiddetermina jekk tali multa hix kriminali jew le, iżda x'wassal sabiex tiġi mposta tali multa. Isostni li l-istess multa amministrattiva trid tittieħed fil-kuntest ta' dinja kummerċjali, fid-dawl tas-servizzi partikolari li joffru l-kumpaniji rikorrenti, fid-dawl ta' liema obbligi ġew miksura mir-rikorrenti kif ukoll id-dħul annwali tar-rikorrenti u għalhekk il-multa trid tkun tali li jkollha effett dissważiv anke f'dak il-kuntest. Jikkontendi li anke id-direttiva 2015/849 stess tqis tali multi bħala amministrattivi u bl-ebda mod ma timplika li huma ta' natura kriminali.

Isostni li meta Qorti tiġi sabiex teżmina jekk piena amministrattiva għandhiex titqies bħala akkuża kriminali għall-iskopijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, huwa korrett li tqis il-kriterji mfassla fis-sentenza **Engel & Others vs Netherlands** deċiża fit-8 ta' Ġunju 1976, iżda jinsisti li ma jagħmilx sens li l-istess prinċipji jiġu addottati b'referenza għall-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana stante li t-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox different minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Madanakollu jikkontendi li l-imsemmi każ kien jitratta proċeduri totalment separati u distini u għal kollox differenti mill-każ preżenti, fejn is-sanzjoni kienet timpinġi direttament fuq il-liberta` personali li minnha nnfisha hija assoċjata mas-sanzjonijiet penali. Oltre` minn hekk, kieku l-imsemmi każ kien deċiż mod ieħor kien ikun eskluż kull dritt għas-smigħ xieraq taħt il-Konvenzjoni Ewropea, li assolutament mhuwiex l-istess każ taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta. Barra minn hekk, jgħid li f'dan il-każ l-Qorti Ewropea kellha l-opportunita` li tqis il-każ kollu fl-intier tiegħu u sabiex din il-Qorti tagħmel l-istess teħtieġ anke li tqis il-proċedura kollha fl-intier tagħha sal-istadju tal-Appell.

Jissottometti li tali klassifikazzjoni hija perikoluża għax tista' trendi sitwazzjoni fejn persuna soġġetta tibda ma tagħtix l-informazzjoni rikjesta u b'hekk l-abbuż jinfirex u jimmultiplika u b'hekk l-eżeċizzju tal-Korp intimat jiġi fix-xejn.

Fil-mertu jgħid li minkejja li l-Korp ma jissejjaħx Qorti tant isir xogħol speċjalizzat fi ħdan dan il-Korp li r-riżultat huwa fuq l-istess livell ta' Qorti u l-persuni fi ħdan il-Korp huma speċjalizzati f'din il-liġi u f'dawn il-proċeduri u ffukati fuqhom biss. Jgħid li huwa l-obbligu ta' kull persuna soġġetta li taħdem f'dawn is-setturi speċjalizzati li timxi *ad unguem* mar-regolamenti in kwistjoni u permezz ta' dawn il-kawżi, il-Korp li qed jagħmel xogħlu, jiġi fi kriżi gravuża propju għaliex kumpaniji li ma mxewx skont ir-regolamenti ġiet imposta fuqhom multa li ġiet appellata u mhix finali.

Jissottometti li l-Korp jirrispetta d-dettami kollha tal-ġustizzja naturali, jisma' x'għandu xi jgħid min hu ndizjat, jagħtih opportunita` li jressaq il-provi tiegħu u illi jimpunja l-provi mressqa kontra tiegħu u li jagħmel sottomissjonijiet. Jgħid li min jiddeċiedi dwar l-impożizzjoni ta' sanzjoni m'huwiex l-istess persuna li tkun eżaminat u ġabet il-każ 'il quddiem u għalhekk hemm separazzjoni bejn minn jipprosegwixxi u min jiġġudika. Oltre` minn hekk, il-proċessi li bih multa amministrattiva tista' ssir

finali u sakemm ma tiġix aċċettata mill-persuna suġġetta għaliha, il-multa fl-aħħar tal-process tista' ssir dovuta u esegwibbli biss b'sentenza ta' Qorti. Jikkontendi għalhekk li l-esiġenzi tal-artikolu 39(1) huma sodisfatti fl-iskop u fis-sustanza tagħhom.

Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jinsisti li l-Qrati m'għandhomx jibqgħu marbutin strettament ma' dak li ġie deċiż fil-każ ta' Engel fuq ċitat u jgħid li hemm sentenza ferm iktar riċenti b'viżwal ta tali awtoritajiet u tali konċetti ta' multi amministrattivi bħal **Chap Ltd vs Armenia**. Isostni li ma hemmx dubju li fl-appell qed tiġi mogħtija opportunita` adegwata sabiex il-każ jinstema kif inhu sewwa u xieraq, liema appell mhux limitat b'punt ta' liġi u fih jinstemgħu l-provi kollha neċessarji u dan sabiex id-deċiżjoni aħħarija mogħtija mill-Qorti tal-Appell tkun mixtarra u mgħarbla kif tirrikjedi l-ġustizzja. Jispjega li dan huwa in linea ma' dak deċiż mill-Qorti Ewropea fid-deċiżjonijiet fl-ismijiet **Vegotex Internation S.A. v Belgium**, **Grande Stevens et vs Italy.** Jissottometti li fil-fehma tiegħu, is-sanzjonijiet mogħtija mill-Korp mhumiex forom ta' pieni ta' natura kriminali u f'dan il-kuntest jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et** deċiża fit-3 ta' Mejju 2016.

Jispjega li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-katergorija *hard core of criminal law* u *cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law.* Jgħid li dawn il-proċeduri ċertament li ma jaqgħux fl-ewwel kategorija u għalhekk ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza il-proċeduri jitmexxew quddiem qorti, u l-fatt li l-pieni amministrattivi jilħqu ammonti kbar ma jibdel xejn minn dan. Jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Janosevic v l-Isvezja** deċiża fil-21 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti qalet li hemm kompatibilita` mal-artikolu 6 jekk awtorita` tgħaqqad poter investigattiv u teħid ta' deċiżjonijiet sakemm jeżisti aċċess komplet għall-qorti bħal ma jsostni li hu dan il-każ.

Jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea **European Air Transport Leipzig GmbH v Belgium** fejn ma nstabx ksur stante li hemm garaziji għall-aċċess għad-dokumenti li fuqhom saru r-rapporti, difiża għall-posizzjoni tal-Korp kemm bil-kitba u kif ukoll orali, tiġi mismugħa mill-entita` u tista' titlob udjenza u setgħet ippreżentat kwalunkwe dokumentazzjoni relevanti għaliha. Isostni li r-rikorrenti kellhom kull opportunita` jippreżentaw il-każ tagħhom u ma kien hemm xejn xi jżomm lis-soċjetajiet rikorrenti milli jiffisaw laqgħa mal-korp. Oltre` minn hekk id-deċiżjoni tal-Korp hija ben motivata. Isostni li l-fatt li l-kumitat iddelibra waħdu ma jwassalx għall-ksur tas-smigħ xieraq stante li hija aċċettatha li anke l-Imħallfin jiddeliberaw mingħajr il-partijiet preżenti.

Fir-rigward tat-talbiet rikorrenti għan-nullita` tal-Artikolu 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 u tal-proċeduri ta' *compliance* li jagħmel il-Korp, jgħid li tali azzjoni ma tistax tintalab permezz ta' proċeduri kostituzzjonali iżda permezz ta' kawża intavolata taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u għalhek dawn it-talbiet huma improponibbli. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Estelle Azzopardi et vs Mikelina u Maria aħwa Said** deċiża fil-31 ta' Ottubru 2014, tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited v Avukat Ġenerali et** deċiża fit-8 ta' Ottubru 2012.

Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, jgħid li dawn huma inapplikabbli għaliex japplikaw biss meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat u lanqas għad hemm lok għal appell minn tali deċiżjoni. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjonij ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Khaled Mohammed Said Nasser u Adam Mohammed** deċiża fid-19 ta' Mejju 2015 u d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Martin Dimech vs Avukat Ġenerali** deċiża fis-16 ta' Settembru 2014.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti il-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra qabel xejn tibda' sabiex tikkunsidra u tiddeciedi l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-partijiet.

**L-eċċezzjoni fir-rigward tal-Artikolu 161(3) tal-Kap 12 u r-Regolament 7 tal-L.S. 12.09**

Il-Korp intimat, fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, jeċċepixxi li s-soċjetajiet rikorrenti messhom ressqu żewġ proċeduri kostituzzjonali separati u distinti minn xulxin.

L-Artikolu 161(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid testwalment hekk:

> *(3) Żewġ atturi jew aktar jistgħu jibdew il-kawżi tagħhom permezz ta' rikors ġuramentat jew rikors mhux ġuramentat wieħed skont il-każ, jekk il-kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom jew jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża jew il-kawżi l-oħra u jekk il-provi li jinġiebu f'waħda mill-kawżi jkunu, ġeneralment, l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża jew fil-kawżi l-oħra. Ir-raġuni għaliex ikunu qegħdin isiru l-kawżi u l-mertu tagħhom għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar u speċifiku minn kull attur.*

Filwaqt li r-Regolament 7 tal-L.S. 12.09 jgħid testwalment hekk:

> *7.Barra minn dak li huwa maħsub mod ieħor f'dawn irregoli,id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Pro`edura~ivili, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi", u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula bis-saħħa tal-Kodiċi għandhom japplikaw mutatis mutandis għal proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2.*

Il-Qorti fliet ir-rikors promotur imressaq mis-soċjetajiet rikorrenti u m'hemm l-ebda dubju f'moħħha li għalkemm l-ilmenti tas-soċjetajiet attriċi huma separati ma jistax jingħad li huma distinti u dana stante li jittrattaw propju l-istess proċess li għaddiet minnhom kull soċjeta rispettiva u ċioe` *compliance review* mill-Korp intimat li wassal sabiex iż-żewġ soċjetajiet rikorrenti ġew immultati taħt l-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-mertu huwa wieħed u identiku, il-provi mressqa huma identiċi u l-unika distinzjoni hi speċifikament dak li hu attriwibbli għal soċjeta' u mhux oħra u viċe-versa li huwa faċilment rifless mill-isem tas-soċjeta' rispettiva.

Isegwi għalhekk li din il-Qorti ma tqisx li teżisti xi ambigwita` fil-fatt li saret kawża waħda miż-żewġ soċjetajiet rikorrenti u mhux żewġ kawżi separati u m'għandha l-ebda dubju li anke kieku saru separati l-eżitu kien ser ikun li jittressqu l-istess provi għaż-żewġ kawżi u tingħata sentenza identika, wara li l-partijiet jew min minnhom kien jitlob il-konnessjoni tal-kawzi.

**B'hekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Korp intimat.**

**<u>Eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku</u>**

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, il-Korp intimat jeċċepixxi n-nuqqas t'interess ġuridiku għaliex kull soċjeta' rikorrenti qed tattakka żewġ deċiżjonjiet tal-Korp meta hemm biss deċiżjoni waħda li tikkonċernaha.

In linea, mal-eċċezzjoni preċedenti, huwa naturali li kull kumpanija hija distinta mill-oħra u tikkonċernaha d-deċiżjoni li tasal għalija din il-Qorti sa fejn tidħol hi u mhux is-soċjeta' l-oħra.

B'hekk din il-Qorti ma tarax li hemm ebda difett fl-interess ġuridiku u dana stante li hu naturali li, minkejja li saret kawża waħda, kull soċjeta' għandha interess fil-mertu safejn dan jikkonċerna lilha.

**Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Korp intimat.**

**<u>Eċċezzjoni li l-Korp intimat mhuwiex il-leġittimu kontradittur</u>**

Fil-ħames eċċezzjoni tiegħu, il-Korp intimat jeċċepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-proċedura stante li huwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mill-Liġi u b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' oħra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Ligi twassalx ghall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tigi imwiegba biss mill-Avukat tal-Istat.

Il-Qorti tosserva li filwaqt li huwa minnu li l-lanjanza tar-rikorrenti tikkonċerna l-liġijiet u r-regolamenti nnifishom, xorta jibqa' l-fatt li l-Korp intimat kien u għadu parti integrali mill-proċess. La darba, permezz ta' din il-proċedura qed jiġu attakkati l-istess proċeduri, ċertament li l-Korp intimat għandu interess f'dawn il-proċeduri li jistgħu jwasslu għal konsegwenzi f'dawk l-istess proċeduri. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Korp intimat għandu interess li jkun parti f'dawn il-proċeduri.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex ukoll tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-Korp intimat.**

**<u>Eċċezzjoni rigward in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju u l-intempestivita tal-azzjoni</u>**

It-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Korp intimat u l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat jittrattaw l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna u n-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju li s-soċjetajiet rikorrenti kellhom għad-disposizzjoni tagħhom ai termini tal-Artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 201314 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*
>
> *b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*
>
> *c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*
>
> *d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[26] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

[26] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[27]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[28]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[29]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[30].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti id-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel hi jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[31]:

*"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Isegwi li għalhekk din il-Qorti trid tikkunsidra l-artikolu 13A tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdix verament rimedju ordinarju għal-lanjanza tas-soċjetajiet rikorrenti.

[27] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[28] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995
[29] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[30] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[31] Rik 40/10

Il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Insignia Cards Limited vs Il-Korp għall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021 fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjoni:

> *20. Dak li qiegħda ssostni l-attriċi f'din il-kawża jmur lil hinn mill-parametri tal-appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Hu minnu li quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru appelli dwar punti ta' fatt u ta' liġi. Madankollu, f'dak l-appell il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra u tiddeċiedi dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li għalihom irreferiet l-attriċi, jiksrux il-jeddijiet fundamentali protetti taħt Art. 39 talKostituzzjoni u Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni. L-attriċi għandha interess li l-kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali jiġu determinati f'dan l-istadju. Saħansitra qiegħda wkoll timpunja l-proċedura stess tal-appell li tipprovdi għalih il-liġi. Mhemm l-ebda garanzija li l-attriċi ser toħroġ rebbieħa fl-appell pendenti.*
>
> *21. Hu fatt li parti mill-ilment tal-attriċi hu dwar il-mod kif mexxa linvestigazzjoni l-FIAU qabel id-deċiżjoni, u l-attriċi għamlet referenza għall-Art. 6(3) tal-Konvenzjoni u Art. 39(6)(a). Normalment wieħed irid jistħarreġ il-proċess kollu u mhux jillimita ruħu għal xi stadju partikolari. F'dan ir-rigward fadal l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Madankollu jibqa' l-fatt li jkun x'ikun l-eżitu tal-proċess li għad irid isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), dak li ġara quddiem l-FIAU seħħ u l-attriċi tilmenta li fih innifsu dak il-proċess wassal għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali. Inoltre, dan l-ilment hu direttament konness mal-ilment li bih l-attriċi qiegħda tikkontesta provvedimenti tal-Att Kontra l-Money Laundering fosthom li l-FIAU hu awtorita` pubblika li bil-liġi jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti flistess ħin.*
>
> *22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-każ in eżami l-attriċi mhijiex tabbuża mill-proċess kostituzzjonali u m'hemmx bażi sabiex Qorti tiddeċiedi li ma tqisx l-ilment tal-attriċi minħabba li għandha mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.*

Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha u **għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni tal-Korp intimat u tal-Avukat tal-Istat.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tagħha, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara li l-artikoli 12A u/jew 13 u/jew 13A u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18 u/jew 19 tal-Kap. 373, flimkien mar-regolament 21 tar-Regolamenti jiksru d-drittijiet fundamentali tagħha hekk kif protetti mis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Is-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid testwalment hekk:

> *"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

Is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif traspost fil-liġi Maltija permezz tal-Kap. 319 jipprovdi kif ġej:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż millproċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew ilprotezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

Sabiex dawn id-disposizzjonijiet appena ċitati jistgħu jitqiesu li huma applikabbli fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti, għandu jirriżulta proċess fejn hija ġiet akkużata u nstabet ħatja ta' reat kriminali. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li l-ilmenti kollha tas-soċjeajiet rikorrenti ma jistgħux jitqiesu fil-parametri tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, filwaqt li ma' jsemmi xejn dwar l-applikabbilità tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u dan jgħid għaliex l-artikoli kollha tal-liġi u r-regolament tal-liġi sussidjarja li qegħdin jiġu attakkati mis-soċjetà rikorrenti, ma jagħtux lok għal determinazzjoni ta' reat jew ta' akkuża kriminali.

Il-Qorti hawnhekk mill-ewwel tirrileva li t-terminoloġija adoperata mis-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni suċitat, issib interpretazzjoni wiesgħa mill-Qorti Ewropea, fejn din tikkunsidra li t-tifsira għandha tkun waħda awtonoma u oġġettiva minn dik li tirriżulta fil-liġi domestika. B'hekk l-Istati Membri ma jistgħux b'mod arbitrarju iwarrbu l-protezzjoni tal-garanziji li joffri dan is-subartikolu liċ-ċittadin permezz ta' terminoloġija li ma tirriflettix ġustament l-import tal-liġi.[32] Għalhekk ma jreġix l-argument tal-intimat Korp li s-sanzjonijiet huma amministrattivi u mhux penali. L-istess il-Qorti Kostituzzjonali, wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XIV tal-1987[33], bdiet tagħti interpretazzjoni wiesgħa tat-terminoloġija użata fis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, sabiex b'hekk is-seba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat ma tiswiex għaliex din għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali.

Fil-każ ta' **Engel,** il-Qorti Ewropea identifikat tlett kriterji li għandhom jiġu eżaminati sabiex jiġi stabbilit jekk tassew l-akkuża hijiex waħda ta' natura kriminali jew le. Dawn il-kriterji baqgħu jiġu applikati minn dik il-Qorti u anki sussegwentement ġew addottati mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna. Dawn huma s-segwenti: (a) il-klassifikazzjoni tal-akkuża skont il-liġi domestika; (b) in-natura tar-reat; u (ċ) in-natura u s-severità tal-piena li tista' tiġi mposta.

---

[32] Ara l-każ ta' Neumeister deċiż fis-27 ta' Ġunju, 1968, u ta' Engel deċiż fit-8 ta' Ġunju, 1976. Ara wkoll il-każ ta' Demicoli deċiż fis-27 ta' Awwissu, 1991.
[33] Ara Anthony Coreschi vs. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Lulju, 1989

Applikat l-ewwel kriterju stabbilit mill-Qorti Ewropea għall-fatti tal-każ odjern, il-Qorti tagħraf li d-disposizzjonijiet tal-liġi li fir-rigward tagħhom is-soċjetajiet rikorrenti qegħda tressaq l-ilment tagħha, ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fil-kamp tal-liġi kriminali, għaliex mill-qari tagħhom huwa ċar li dawn huma ntiżi sabiex jirregolaw l-attività tal-persuna suġġetta mill-lat amministrattiv. Hekk ukoll hija tal-fehma l-Qorti għal dak li jirrigwarda t-tieni kriterju, li jikkonċerna n-natura tal-allegati offiżi, li għalhekk tqis li jikkostitwixxu ksur ta' obbligi ta' natura amminstrattiva.

Iżda huwa proprju meta jiġi applikat it-tielet kriterju għall-każ odjern, li l-ilment tas-soċjetà rikorrenti isib sostenn. Skont l-insenjament tal-Qorti Ewropea, jekk multa hija ntiża bħala deterrent u sabiex timponi kastig fuq il-ħati, din għandha tiġi kkunsidrata bħala piena kriminali u b'hekk il-proċeduri fejn dik il-piena kriminali tiġi mposta huma soġġetti għall-garanziji li joffri l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.[34]

Din il-Qorti f'dan ir-rigward tosserva dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et**[35]

> *"Applikati dawn il-prinċipji għall-offiża taħt Kap. 379, din il-qorti tagħraf illi l-waqt li l-liġi Maltija (Kap. 379) tikklassifika din l-offiża bħala waħda ta' natura amministrattiva, in-natura tar-reat u n-natura u severità tal-piena tagħti bixra totalment diversa lill-offiża, b'mod li ma tistax ma titqiesx bħala waħda ta' natura kriminali. In fatti dan joħroġ ċar meta wieħed jeżamina l-aspettattivi tal-piena mogħtija għall-offiżi taħt il-Kap. 379 fid-dawl ta' paragrafu 47 tal-każ* ***Bendenoun v. France:***
>
> *i) illi l-Kap. 379 japplika liċ-ċittadini kollha u mhux lil xi grupp speċifiku;*
> *ii) il-multa m'hijiex intiża għal kumpens pekunarju għal dannu soffert, iżda kienet essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent;*
> *iii) il-multa kienet imposta b'regola ġenerali bi skop punittiv u li jservi ta' deterrent;*
> *iv) illi l-multa kienet waħda ta' entità konsiderevoli.*
>
> *Meħuda in konsiderazzjoni dawn l-aspettattivi, din il-qorti ma tistax ma takkoljix linsenjament tal-ECHR meta kkonkludiet fil-każ ta'* ***Bendenoun v. France:***
>
> *"Having weighed the various aspects of the case, the Court notes the predominance of those which have a criminal connotation. None of them is decisive on its own, but taken together and cumulatively they made the 'charge' in issue a 'criminal' one within the meaning of article 6 § 1 ..."..*

Il-Qorti tosserva wkoll l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Rosette Thake noe et vs. Kummissjoni Elettorali et**, deċiża fit-8 t'Ottubru 2018, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *"62. Fit-tieni lok, din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konklużjoni raġġjunta mill-ewwel Qorti li l-massimu tal-multa amministrattiva li tista' timponi l-Kummissjoni huwa wieħed inġenti u huwa intiżsabiex iservi ta'*

[34] Ara l-każ ta' Ozturk deċiż fil-21 ta' Frar, 1984, u l-każ ta' Lutz deċiż fil-25 ta' Awwissu, 1987.
[35] Deċiża fit-3 ta' Mejju, 2016

*piena għal min jikser l-obbligi tiegħu taħt l-Att u huwa wkoll ta' deterrent billi għandu l-għan li jipprevjeni aġir vjolattiv talAtt. Għalhekk il-multa fil-livell massimu tagħha kontemplata fil-liġi ma tistax titqies bħala riżarċiment tad-danni jew bħala multa purament amminstrativa. Fir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika, lokali u ewropea, ċitata in extenso millewwel Qorti, u tosserva li fid-determinazzjoni tal-punt jekk multa amministrattiva għandhiex in-natura ta' piena, ma jiddependix min-nomenklatura li tingħata fil-liġi domestika, iżda tiddependi wkoll minn natura u mis-severità tal-multa.*

*63. Kif osservat din il-Qorti fil-każ Angelo Zahra vs Prim Ministru, ċitata fis-sentenza appellata, "hemm każijiet fejn il-multa amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bħala penali għax tenut kont tas-severità tagħha titqies derivanti minn akkuża kriminali għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzjoni". Ukoll kif osservat mill-Qorti Ewropea fil-każ Ezeh and Connors v. the United Kingdom ċitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fil-każ Federation of Estate Agents: "the very nature of the offence is a factor of greater import…..However, supervision by the Court …. Would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring..".*

*64. Fil-każ odjern il-multa m'hijex intiża li tirrappreżenta kumpens pekunjarju għal dannu soffert, iżda hija essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent, imposta bi skop punittiv u li isservi ta' deterrent. Għaldaqstant ladarba l-multa amministrattiva għandha n-natura penali titqies li tirriżulta minn akkuża kriminali, b'mod li allura jiskatta d-dritt kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ….. jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi". Il-kliem tal-liġi huwa ċar li każ ta' akkuża ta' reat kriminali għandu jinstema' minn "qorti" biss u minn ebda organu ieħor u dan mill-bidu nett tal-proċeduri. Dan joħroġ aktar ċar middiċitura tas-subinċiż [2] tal-istess artikolu fejn il-liġi ssemmi mhux biss "qorti" iżda kuntrarju għas-subinċiż [1] isemmi wkoll "awtorità oħra ġudikanti." Dan ikompli jsaħħaħ it-teżi tal-attur li fil-każ odjern fejn il-multa għandha titqies bħala penali derivanti allura minn akkuża b'reat kriminali, il-liġi bażika tal-pajjiż tesiġi li sa millbidu nett is-smigħ tal-każ jibda milli jsir quddiem "qorti" u l-Kummissjoni mhijiex "qorti" fis-sens klassiku tal-kelma.*

*...*

*67. Rigward id-dirtt mogħti mill-Att li fiż-żmien tletin ġurnata d-deċiżjoni talKummissjoni tista' tiġi kontestata quddiem il-qrati ordinarji ċivili u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, dan ma jinnewtralizzax u ma jissanax l-antikostituzzjonalità tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni, stante li d-dritt kontemplat fis-subinċiż 1 tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jiskatta minn meta persuna tiġi akkużata b'reat kriminali quddiem il-Kummissjoni u għandu tipperdura sakemm*

> *jiġu finalizzati l-proċeduri kontra tagħha, u mhux minn meta l-Kummissjoni tkun ġia waslet għaddeċiżjoni tagħha!".*

Minn dak li stqarret il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha appena ċitata, joħroġ ċar li ġjaladarba multa hija ntiża sabiex isservi ta' piena imma anki ta' deterrent fil-konfront tal-persuna li allegatament tkun kisret l-obbligi tagħha, din ma tistax tiġi kkunsidrata iktar bħala multa amministrattiva, u jistgħu jiġu nvokati d-drittijiet imfissra fis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u fis-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti tosserva d-deċiżjoni tagħha, diversament preseduta, fl-ismijiet **Insignia Cards Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** deċiża fl-24 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti kkunsidrat u ddeċidiet is-segwenti:

> *Fil-każ odjern, jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 13(1) tal-Kap. 373, fejn il-pieni amministrattivi jistgħu saħansitra jkunu fil-massimu ta' ħames miljun Ewro, li l-ħsieb tal-leġislatur kien sabiex jipprovdi għal mekkaniżmu fil-liġi li jservi kemm ta' deterrent fuq il-persuni suġġetti li għalihom tapplika dik il-liġi, imma anki ta' piena f'każ li l-persuna suġġetta tinstab mhijiex konformi mal-obbligi tagħha kif imfissra taħt dik il-liġi jew taħt xi regolamenti li jkunu ġew magħmula mill-Ministru responsabbli. L-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu jammetti li d-deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha "effetti serji" fuq is-soċjetà rikorrenti. Tassew tgħid il-Qorti, dan jista' jagħti lok għall-possibilità ta' impożizzjoni ta' piena amministrattiva eżaġerata u forsi anki nġusta f'każ ta' ksur mhux daqstant sinifikanti, u huwa proprju sabiex kull aġir arbitrarju min-naħa tal-Korp intimat jitrażżan, li ċ-ċittadin għandu jkollu l-protezzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tassubartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *Tikkunsidra li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha suċitata qieset ukoll jekk id-dritt ta' appell mogħti mil-liġi quddiem il-qrati ordinarji, u sussegwentement quddiem il-qorti tal-appell, kellux is-saħħa li jissana l-anti-kostituzzjonalità tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni.*[36] *Iżda fil-fehma tagħha dan ma setax ikun għaliex id-dritt garantit permezz tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kien jiskatta hekk kif persuna tiġi akkużata b'reat kriminali quddiem il-Kummissjoni sakemm jiġu finalizzati l-proċeduri ntavolati quddiemu, u mhux wara li din tkun iddeċidiet l-każ quddiemha. Applikat dan l-insenjament, il-Qorti tikkunsidra li fil-kuntest speċifiku tal-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti kellha tiġi assigurata d-drittijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq ai termini tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, saħansitra fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Kumitat, li waqt dawn il-proċeduri rriżulta li huwa kompost mid-Direttur u mid-Deputat Direttur, u mill-impjegati tal-Korp intimat stess li jkun wettaq eżami ta' konformità u anki eżerċizzju ta' infurzar fil-konfront tal-persuna suġġetta. Hawnhekk ma jistax jonqos li l-Qorti tirrileva li l-Korp*

---

[36] Ara Van Dijk & Van Hoof, Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (1990) p. 308, u il-każ ta' Lutz deċiż fil-25 ta' Awwissu, 1987.

*intimat stess kif jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 373 m'għandu l-ebda awtonomija, għaliex kif sewwa tirrileva s-soċjetà rikorrenti, il-membri tal-Bord tiegħu huma magħżulin mill-Ministru tal-Finanzi għal perjodu qasir ta' tliet snin u mħallsa skont dak li jistabbilixxi l-istess Ministru. Jirriżulta wkoll lil din il-Qorti li s-soċjetà rikorrenti ġiet mitluba tippreżenta dik id-dokumentazzjoni ndikata lilha mill-Korp intimat fejn tgħarraf li fin-nuqqas hija kienet ser tkun suġġetta għas-sanzjonijiet relattivi skont ir-regolament 15 tal-L.S. 373.01. Dan matul proċess li l-istess Korp intimat jiddeskrivi bħala eżami ta' superviżjoni, iżda li attwalment jixbah iktar eżerċizzju ta' investigazzjoni fl-operat tas-soċjetà rikorrenti min-naħa tas-sezzjonijiet ta' supervizjoni u ta' infurzar tal-Korp appellat. Il-fehma ta' din il-Qorti tistrieħ sew fuq il-mod kif inhi imfassla l-potential breaches letter, fejn is-soċjetà rikorrenti fost affarijiet oħra ġiet mgħarrfa li l-eżami in kwistjoni seħħ bl-assistenza ta' esperti esteri maħtura ai termini tal-Kap. 373, fatt li ċertament kellu jiġi kkomunikat lilha sa mill-bidunett tal-investigazzjoni fin-notification letter sabiex tħejji ruħha aħjar fil-konfront ta' dak li kien ser jiġi mitlub minnha waqt l-istess investigazzjoni, jekk tassew kellha tiġi assigurata l-parità tal-armi. Il-Qorti tirrileva li saħansitra l-aħħar linja tal-potential breaches letter, fejn jingħad li "[t]he FIAU would like to make it clear that the contents of this letter are without prejudice to any other regulatory action that may be taken against Insignia Cards Limited for breach of the PMLFTR and the Implementing Procedures", hija indikattiva tan-natura tal-proċess eżegwit, jiġifieri tabilħaqq dik ta' investigazzjoni iktar milli ta' superviżjoni. Huwa evidenti wkoll minn dik l-ittra, li f'dak l-istadju l-każ tas-soċjetà rikorrenti kien ser jitressaq quddiem il-Kumitat sabiex dan jiddelibera u jiddeċiedi dwar ir-riżultat tal-eżami tal-konformità u dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi jekk ikun il-każ.[37] Għaldaqstant anki f'dak l-istadju, is-soċjetà rikorrenti setgħet tinvoka d-drittijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta'* ***Foti*** *deċiż fl-10 ta'Diċembru, 1982, fejn ingħad li:*

*"[w]hilst 'charge', for the purposes of Article 6 para. 1, may in general be defined as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence', it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect".*

*Barra minhekk, il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt kif jirriżulta mill-imsemmija potential breaches letter, li għal xi raġuni l-Korp intimat għażel li jagħmel l-eżami ta' konformità wara li f'Lulju 2017 huwa kien eżegwixxa eżami ieħor, fatt li jindika li l-Korp intimat ma kienx sodisfatt għal kollox bl-ewwel eżami, u xtaq li jagħmel eżami iktar approfondit tal-operat tas-soċjetà rikorrenti. Meħud ukoll in*

[37] The Company's representations and/or clarifications will be taken in consideration by the FIAU's Compliance Monitoring Committee in determing whether the findings of this compliance review constitute breaches of the provisions of the PMLFTR and/or the FIAU's Implementing Procedures and in deliberating on any administrative sanctions that may be imposed", paġna 22 a fol. 177.

*konsiderazzjoni dan il-fatt, il-Qorti tgħid li dik id-dokumentazzjoni mitluba waqt it-tieni eżami ta' konformità setgħet saħansitra twassal ukoll għall-inkriminazzjoni tas-soċjetà rikorrenti, kif filfatt ġara meta sabet ruħha rinfaċċata b'piena amministrattiva ta' €373,670 li kellha titħallas f'għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Korp intimat.*

*Hawnhekk il-Qorti tikkunsidra li l-argument tal-Korp intimat, miġjub permezz tal-erbatax-il eċċezzjoni tiegħu, li s-soċjetà rikorrenti kellha kull opportunità li tressaq il-provi tagħha quddiemu qabel ma dan wasal għad deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha, ma jista' jwassal imkien għaliex il-Kumitat ma jista' qatt jitqies bħala wieħed indipendenti u impjarzjali f'dawn iċċirkostanzi, wisq inqas ma huwa tribunal imwaqqaf bil-liġi għaliex huwa l-Korp intimat stess li jagħżel li jikkostitwih, u saħansitra jirregola l-proċeduri tiegħu b'mod arbitrarju għall-aħħar, u li ma jħallix dubju li m'hemm l-ebda parità talarmi f'dak li huma termini għall-preżentata ta' sottomissjonijiet mill-partijiet rispettivi.*

*Il-Qorti tikkunsidra wkoll il-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tal-persuna suġġetta fl-istadju tal-appell kif dawn joħorġu mil-liġi u mfissra taħt l-artikoli 207 u 208 tal-Kap. 12, fosthom fuq id-dritt li tippreżenta provi tagħha, u tassubartikolu 13A(5) tal-Kap. 373 li jirrestrinġi t-terminu ta' smigħ tal-proċeduri tal-appell għal sitt xhur fejn dan il-perijodu jista' jiġi estiż biss bil-kunsens tażżewġ partijiet jew taħt kundizzjonijiet straordinarji. Kif sewwa tirrileva s-soċjetà rikorrenti, f'dawk il-proċeduri l-oneru tal-prova jitpoġġa bil-liġi għal kollox fuqha, għaliex hija tersaq quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex tiskolpa ruħha minnuqqasijiet allegatament ikkonstatati mill-Korp intimat. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax punt ieħor li fil-fehma tagħha jkompli jġib fix-xejn id-dritt tal-persuna suġġetta għal smigħ xieraq. Tikkunsidra li l-persuna suġġetta hija saħansitra mċaħħda għal kollox mid-dritt tal-eżami doppju tal-kwistjoni, għaliex jekk hija tingħata d-dritt li tressaq il-provi fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) sabiex tirribatti l-allegazzjonijiet magħmula mill-Korp intimat f'kuntest ta' liġi, regolamenti u regoli vagi għall-aħħar fejn dawn ifissru l-obbligi tal-persuna suġġetta, dan id-dritt li tassew kif hija tgħid, huwa fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, li huwa marbut b'termini strettissimi meħud in konsiderazzjoni lkumplessità ta' każijiet bħal tagħha, m'hemm l-ebda possibilità skont il-liġi sabiex hija tkun tista' tressaq appell proprju mid-deċiżjoni ta' dik il-qorti, li hija waħda finali ġaladarba hija qorti tal-appell. B'hekk fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ifalli l-argument miġjub mill-intimat Avukat tal-Istat permezz tal-għaxar eċċezzjoni tiegħu, li skont l-artikolu 13A tal-Kap. 373, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kemm fuq punti ta' liġi u anki fil-mertu.*

*Fl-aħħarnett il-Qorti tqis li tassew il-Kap. 373, flimkien mar-regoli u rregolamenti sussidjarji, ġew fis-seħħ bil-għan li l-Istat jonora l-obbligi tiegħu Komunitarji u internazzjonali. Madankollu wieħed ftit jista' jifhem kif il-Korp intimat donnu qed jippretendi li għalhekk id-disposizzjonijiet tal-imsemmija liġi, regoli u regolamenti, stante li jittrasponu l-imsemmija*

*obbligi fil-liġi tagħna, għandhom jitqiesu li huma konformi mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan il-Qorti tgħidu għaliex ġeneralment l-obbligi Komunitarji u dawk internazzjonali mposti fuq l-Istati Membri huma pjuttost wesgħin, fejn limplimentazzjoni tagħhom fil-liġi domestika titħalla fid-diskrezzjoni tal-istess Stati Membri jew firmatarji, inkluż l-infurzar u l-konsegwenzi ta' ksur. Il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 59 tad-Direttiva 2015/849 tal-Parlament Ewropew u talKunsill, filwaqt li jipprovdi għas-sanzjonijiet li għandhom jiġu mposti mill-Istati Membri f'każ ta' ksur min-naħa tal-persuna suġġetta, iħalli għal kollox fiddiskrezzjoni tal-istess Stati Membri dik il-proċedura li permezz tagħha għandhom jiġu mposti l-imsemmija sanzjonijiet. Għaldaqstant l-argument talKorp intimat ma jistax jirnexxi.*

*In kwantu l-aħħar sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward talmod xejn ċar li bih hija miktuba l-liġi, ir-regolamenti u r-regoli, il-Qorti ma tistax ma taqbilx, u tgħid li dan jista' jagħti lok għal azzjoni arbitrarja għal kollox minnaħa tal-Korp intimat, li aktar u aktar jirrikjedi proċess li jirrispetta d-drittijiet fundamentali kif sanċiti mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, li huma ntiżi proprju sabiex irażżnu din l-arbitrarjetà u li jinstab bilanċ bejn dak li huwa neċessarju fl-interess pubbliku u d-drittijiet fundamentali taċċittadin.*

*Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti. Iżda dan ifisser li ġaladarba l-liġi hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħha, dak kollu li sar taħtha ma jistax jitqies li seħħ b'mod li ħares l-istess drittijiet fundamentali. Madankollu tagħraf li ta' dan m'għandux jaħti bl-ebda mod il-Korp intimat, li kien biss qed iħares il-liġijiet magħmulin mill-Istat. Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-Korp intimat li t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħlas ta' danni morali mhijiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà, il-Qorti tikkunsidra li t-talba in kwistjoni fiha nnifisha tfisser ukoll li qegħda ssir talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà, li wara kollox hija riflessa sew fit-talbiet ta' qabel.*

Oltre` minn hekk tosserva wkoll dak li qalet din il-Qorti, diversament preseduta, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **N Trust Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** deċiża fit-30 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti żiedet:

*Illi fil-kaz odjern mill-atti odjerni jirrizulta li ghalkemm waqt il-gbir tal-informazzjoni mill-agenti tal-FIAU is-socjeta' rikorrenti kienet qed tigi nvoluta fis-sens li l-informazzjoni kienet qed tigi mitluba lilha u wkoll ghal dak li huma spjegazzjonijijiet kienu qed jintalbu lilha jirrizulta li wara li sar ir-rapport inizjali, s-socjeta' rikorrenti giet involuta biss fis-sens li ntalbet tipprezenta risposta ghar-rapport preliminari u dan fi zmien qasir ta' hmistax-il gurnata minghajr ma s-socjeta' rikorrenti lanqas kellha fil-konoxxenza taghha l-linji gwida applikabbli lill-Korp ghaliex dawn huma kunfidenzjali, l-istess jista' jinghad fuq is-'sanction tool' uzata sabiex tigi kalkolata l-penali mposta u dan fuq kollox meta giet mitluba tirrispondi ghal "akkuzi" li kienu qed isiru sahansitra bid-dikjarar tal-Korp intimat li huma "MINGHAJR PREGUDIZZJU" ghall-proceduri kriminali.*

*Illi jirrizulta mill-provi fl-atti li minn naha l-ohra l-Korp intimat da parti tieghu kien involut direttament f'kull stadju billi permezz ta' impjegati tieghu investiga l-kaz, irrediga r-rapport preliminari, rega' irrediga ir-rapport finali li tela' ghand il-Kumitat (Kumitat li jirrizulta li huwa kompost minn impjegati tieghu), quddiem ilKumitat kien presenti impjegat iehor mis-sezzjoni tal-infurzar li seta' jghid li jrid sabiex idawwar il-hsieb tal-Kumitat favur it-tezi tieghu minghajr ebda kontroll da parti tas-socjeta' rikorrenti li ma gietx mistiedna biex tkun presenti anzi lanqas kellha l-jedd fil-ligi li tkun prezenti, l-istess impjegati tal-FIAU analizzaw l-allegati nuqqasijiet li kienu gew investigati mill-istess FIAU, iddecidew dwarhom u sahansitra imponew huma stess il-multi mhux zghar fuq is-socjeta' rikorrenti. F'dan kollu s-socjeta' rikorrenti kienet involuta biss sal-istadju ta' risposta ghar-rapport preliminari, fejn jirrizulta wkoll li kellha access limitat hafna ghall-proceduri applikabbli, l-mod kif tithaddem is-'sanction tool' u wisq anqas setghet tobsor jew tiprevedi l-ammont tal-penali li setghet tigi mposta fuqha u dan anki ghaliex il-ligi hija pjuttost generika u l-parametri bejn il-minimu u l-massimu huwa wiesgha hafna. Jirrizulta ghalhekk car li l-Kumitat li ha d-decizjoni dwar l-agir tas- socjeta' rikorrenti m'huwiex awtonomu tant li jifforma parti integrali mill-Korp intimat, kostitwit minn impjegati tal-Korp intimat li ma ghandhom l-ebda 'security of tenure.' Minn naha l-ohra s-socjeta' rikorrenti lanqas id-dritt minimu li tkun prezenti ghad-diskussjoni ma nghatat jew almenu tkun taf abbazi ta' xhiex cioe' abbazi ta' liema procedura u/jew 'sanction tool' il-Korp jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu w'ghall kalkolu tal-penali. In-nuqqas ta' bilanc f'din is-sitwazzjoni hija carissimia f'ghajnejn il-Qorti b'dana li l-ksur tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq huwa lampanti.*

*Illi din il-Qorti terga' temfasizza li gia fir-rapport/ittra preliminari tal-FIAU datata 25 ta' Jannar, 2022 johrog car mid-dicitura fl-istess il-pregudizzju fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fejn din tigi nfurmata li dawn il-proceduri li jwasslu ghal multi tant ingenti huma 'minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni ohra li tista' tittiehed kontra s-socjeta' rikorrenti'. Allura l-istess entita li qed tinvestigak, issibek hati u timponi l-multi fuqek tant mhiex imparzjali li sahansitra qed tavzak li qed tirriserva li tiehu proceduri ohra fil-konfront tieghek. Certament dan ma jirrispekkjax l-imparzjalita' li ghandha tigi riflessa fi proceduri bi smiegh xieraq ghall-partijiet kollha nvoluti. Wiehed ukoll ma jistax ma jinnotax kif rapport preliminari li suppost sar mill-branka msejha 'separata' tas-supervizjoni fi hdan il-Korp huwa ffirmat mill-istess Direttur tal-Korp li konsegwentement mexxa l-Kumitat li sab lis-socjeta' rikorrenti hatja ta' non adempjiemant mal-ligi u rega' ffirma d-decizjoni finali datata 16 ta' Marzu, 2022. Dan kollu aktar ghandu aktar xehta ta' procedura dittatorjali milli proceduri fejn suppost jirrenja d-dritt ghal smiegh xieraq tal-partijiet kollha. Il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni li s-socjeta' rikorrenti u entitajiet ohra bhalha li qed isibu ruhom fiha meta rinfaccjati b'dawn il-proceduri xejn xierqa f'socjeta' demokratika li certament ihossuhom li jaghmlu x'jaghmlu dawn ser jigu penalizzati minghajr ma jinghataw il-*

> *possibilita' li realment u b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali taghhom li jressqu wkoll il-quddiem il-kaz mill-punto di vista taghhom.*
>
> *Illi l-Qorti nnotat ukoll li x-xhieda rapprezentanti tal-Korp intimat f'diversi partijiet mix-xhieda taghhom jaghmlu referenza u jistriehu fuq regolamenti tal-Unjoni Ewropea u 'guidelines' li gew moghtija lilhom jew gew approvati mill-Kummissjoni Ewropea, l-European Bank Authority, MoneyVal u FATF u jitkellmu daqs li kieku ghandhom il-jedd li jaqbdu u jimplimentaw kwalunkwe procedura li jridu taht il-kappa u bl-iskuza tal-Ligijiet tal-Unjoni Ewropea u istituzzjonijiet internazzjonali u dan a skapitu tad-drittijiet fundamentali tal-individwi. Certament dan mhux il-kaz. Filwaqt li l-istat huwa obbligat li jimplimenta r-regolamenti Ewropej huwa fatt maghruf li l-mezz ta' implimentazzjoni jidhalla f'idejn l-Istat stess. Fil-kaz odjern l-Istat Malti ghazel li jaghti l-poteri kollha kemm investigattivi kif ukoll gudizzjarji lill-Korp intimat u dan certament ma giex impost fuqu mill-Unjoni Ewropea. Din is-sitwazzjoni, li spiccat ikkostitwiet ksur tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq tas-socjeta' rikorrenti (fejn l-istess qed jirrizulta f'kazijiet ohra simili kemm quddiem din il-Qorti kif preseduta u wkoll diversament preseduta), facilment tista' tigi evitata fil-futur billi l-iStat Malti jbiddel il-ligi u jipprovdi ghal entita' awtonoma u indipendenti fl-istadju ta' konsiderazzjoni u decizjoni fil-konfront tal-individwi nvoluti b'dana li l-individwi nvoluti jinghataw ampju access ghal dan il-process, ugwalment daqs il-Korp intimat li jkun qed takkuzah b'rispett tal-principju tal-audi alteram partem u l-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq.*

Din il-Qorti m'għandha xejn ma żżid ma l-insenjament legali u akkademiku hawn fuq maghmul, ghajr li taghmlu taghha, - b'dan illi, ghar-ragunijiet li ser jinghataw aktar l-isfel, din il-Qorti kif hekk preseduta, ma tikkondividix id-deskrizzjoni tal-proceduri quddiem il-Korp kif moghtija fis-sentenzi citati - u għalhekk sejra **tiddikjara li s-soċjetajiet rikorrenti, bl-artikolu fuq ċitati u bl-aġir tal-Korp intimat fl-applikazzjoni tal-ligijiet kif inhuma u kif inhuh marbut bihom, soffrew leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

### Ikkunsidrat ulterjoment

Illi fil-mertu u ulterjorment s-socjetajiet rikorrenti jallegaw wkoll ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jaqra' testwalment hekk:

> *1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

> *2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l- applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.'*

Imbagħad l-**Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jgħid hekk:

> *(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien metajkun ġie magħmul.'*

Il-Qorti ma tqisx li l-ilmenti tas-soċjetajiet rikorrenti jistgħu b'xi mod jaqgħu taħt il-parametri tal-artikoli ndikati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni u dana stante li Il-Qorti tqis li l-argument tas-socjeta' rikorrenti li ma kinitx taf ben tajjeb x' kienu l-obbligi tagħha u x'għandha tagħmel jew aħjar li hi għamlet dak li setgħet fil-limiti ta' dak li fehmet hi iktar ikun f'loku bħala argument fl-appell mid-deċiżjoni tal-Korp intimat.

**Għalhekk il-Qorti ma tqisx li hemm ksur tal-artikoli 7 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet relatati.**

**Ir-rimedji**

Fir-rigward tar-rimedji, is-socjetajiet rikorrenti talbu lil din il-Qorti, dikjarazzjoni tal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali li rriżultaw stante l-proċedura meħuda fil-konfront tagħhom, jitolbu ukoll li l-Qorti tiddikjara n-nullita` u l-inattendibilita' tal-proceduri investigattivi in kwistjoni, tiddikkjara nulla u inattendibbli d-decizjonijiet tal-Korp jew parti minnhom u finalment li l-intimati jew min minnhom jiġu kkundannati jħallsu danni morali għall-ksur tad-drittijiet fundamentali indikati.

Din il-Qorti ma tqisx li r-rimedju ta' likwidazzjoni ta' danni morali huwa rimedju effettiv sabiex jiġi assigurat il-jedd għal smiegħ xieraq. **Dan qed jinghad ukoll peress illi l-Qorti trid tassigura illi tibghat messagg car u inekwivoku illi l-funzjoni u x-xoghol tal-Korp intimat fis-socjeta' civili u demokratika ta' pajjizna huwa ta' importanza u serjeta' kbira**. Akbar ma hija l-problema ta' hasil ta' flus u transazzjonijiet illeciti (u l-Qorti qed titkellem b'mod generiku u <u>b'ebda mod ma hi timputa xi allegazzjoni lis-socjetajiet rikorrenti</u>), aktar hemm bzonn illi l-Korp intimat jinghata l-kreddtu dovut meta jwettaq xogholu, hekk bl-istess mod kif u meta jista' jkun giust illi jkun soggett ghal kritika jekk u f'eventwalita' illi fis-socjeta' demokratika taghha jonqos mid-doveri u l-obbligi tieghu.

F'dan il-kaz, il-Qorti tqis aktar minn kollox illi n-nuqqas tal-Korp li wassal ghall-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti, jista' jinghad illi kien indott u frott legislazzjoni li huwa mehtieg illi tigi riveduta.

Il-Qorti tirreferi ghall-ghan tal-KAP 373 tal-Ligijiet ta' Malta - ***biex jipprovdi għall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta' laundering ta' flus f 'Malta*** – u ghalhekk jibqa' jigi sottolineat u enfasizzat illi x-xoghol u l-funzjoni illi ghandu l-Korp intimat fis-

socjeta' taghna huwa ta' importanza kbira. Il-Qorti tibqa' dejjem tqis illi bl-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Att u kif ukoll tal-Ligijiet Sussidjarji, il-Korp ikun qieghed dejjem jahdem ghall-*prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' moneylaundering u finanzjar ta' terroriżmu*,[38] kif anke jistabilixxu r-regolamenti Ewropej applikati fil-ligijiet Maltin. Funzjoni din, tal-Korp intimat, illi ma' kull jum li jghaddi ssir dejjem aktar rilevanti u importanti fid-dinja tal-llum.

Il-Qorti b'dana kollu tqis ukoll ta' importanza kbira l-attivitajiet kummercjali u professjonali bhal ma huma dawk tas-socjetajiet rikorrenti, li huma socjetajiet illi jrendu fl-ekonomija ta' pajjizna, socjetajiet illi huma ben regolati u licenzjati u socjetajiet illi jipprovdu servizzi importanti imma delikati. Il-Qorti tqis ukoll illi socjetajiet bhal dawk rikorrenti ghazlu, b'kuragg, li jipprovdu servizz delikat bil-ghan illi strutturi ekonomici jahdmu f'qafas regolaturju sahan u robust bil-ghan illi jkunu dejjem osservati r-regolamenti ghall-prevenzjoni ta' *moneylaundering* u finanzjar ta' terrorizmu. L-importanza tax-xoghol mwettaq minn socjetajiet bhal dawk rikorrenti irid jigi apprezzat. Il-Qorti tqis illi mhux facli illi socjetajiet/persuni bhal dawk rikorrenti, jorganizzaw ruhom biex jipprovdu dan is-servizz delikat.

Huwa ghalhekk illi din il-Qorti tqis illi f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-Korp intimat jibqa' dejjem importanti u rilevanti b'dan illi r-rwol taghha ghandu jigi dejjem ezercitat, skond il-ligi, b'reqqa, b'dixxiplina, b'ekwita', b'gustizzja u b'impenn lejn ir-rispett shih ta' kemm l-<u>obbligi</u> ta' *service providers/persuni soggetti* imma ukoll id-<u>drittijiet</u> taghhom.

Ghalhekk u dan maghdud, la darba din il-Qorti sabet li l-Kumitat ma kienx qed jaġixxi b'mod awtonomu u indipendenti fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti u għalhekk bi ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti, din il-Qorti ser tipprovdi rimedju li tqis li huwa l-aktar effettiv billi tħassar id-deċiżjonijiet tal-Korp ntimat datati 13 ta' Novembru, 2020 fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, inkluż l-imposizzjoni tal-multi msemmija fl-istess u tordna li l-atti fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti jiġu rinvijati lura fl-istadju qabel ma' dawn tressqu quddiem il-Kumitat għall-konsiderazzjoni, deċiżjoni u l-imposizzjoni tal-multi. Għandu għalhekk jitħassar, sakemm ikun hemm deċiżjoni mod ieħor minn entita` indipendenti u awtonoma, kwalunkwe aċċenn għal dawk il-proċeduri fil-*website* tal-Korp intimat.

Il-każ fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti għandu jkompli jinstema' fil-mument li jkun hemm leġislazzjoni li tikkostitwixxi entita' awtonoma u ndipendenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każijiet tas-soċjetajiet rikorrenti b'rispett u in ottemperanza mal-garanziji kollha għal smiegħ xieraq.

In vista tar-rimedju ordnat li l-Qorti tqisu suffiċjenti, il-Qorti ma tqisx li għandu jkun hemm imposizzjoni ta' danni morali.

## <u>DECIDE</u>

**GĦALDAQSTANT**, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-atti kollha u ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, qed taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati konformement ma' dak

[38] Art. 1(2) tal-LS 373.01

hawn fuq deċiż, qed tghaddi biex tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet u tgħaddi sabiex tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi** li li l-Artikoli 12A, u 13, u 13 A, u 13 B, 13 C u 18, u 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tas-socjetajiet rikorrenti hekk kif protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6§1 tal-Konvenzjoni;

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi** li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-deċiżjonijiet tat-13 ta' Novembru 2020, inkluż il-mod kif inħarġu l-Minded Letters, jilledu l-Artikolu 6§3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni;

3. **Tiddikjara** nulla u inattendibbli u per konsegwenza tħassar id-decizjonijiet tal-Korp intimat komunikati lis-socjetajiet rikorrenti permezz tal-ittri datati 13 ta' Novembru, 2020;

4. **Tħassar** id-deċiżjonijiet tal-Korp intimat datati 13 ta' Novembru, 2020 inkluż l-imposizzjoni tal-multi msemmija fl-istess u konsegwentement dak kollu li segwa fl-appell mill-istess deċiżjoni u tordna li l-atti fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti jiġu rinvjati lura fl-istadju qabel ma' dawn tressqu quddiem il-Kumitat għall-konsiderazzjoni, deċizjoni u l-imposizzjoni tal-multi. Għandu għalhekk jitħassar, sakemm ikun hemm deċiżjoni mod ieħor minn entita` indipendenti u awtonoma, kwalunkwe aċċenn għal dawk il-proċeduri fil-*website* tal-Korp intimat. B'dan illi l-każ fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti għandu jkompli jinstema' fil-mument li jkun hemm leġislazzjoni li tikkostitwixxi entita' awtonoma u indipendenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ tas-soċjetajiet rikorrenti b'rispett u in ottemperanza mal-garanziji kollha għal smiegħ xieraq.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn l-intimati.**

**In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti rizultanti minn applikazzjoni ta' ligijiet vigenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti mal-mument li tghaddi res judicata.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**